L-Università ta' Malta
Il-Fakultà tal-Arti
Id-Dipartiment tal-Malti

FONDAZZJONI KARMEN MIKALLEF BUĦAĠAR

# Dun Karm: Il-Proża bil-Malti Miġbura

Marita Cassar

Pubblikazzjoni tal-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar u
d-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, 2021

ISBN: 978-9918-0-0014-2

Drittijiet kollha miżmuma mill-awtur u l-pubblikatur

Koordinatur tal-pubblikazzjoni: George Farrugia

Stampat: Best Print Co. Ltd, il-Qrendi

Dan l-istudju ġie ppreżentat fil-Konferenza Karmen Mikallef Buħaġar nhar id-19 ta' Novembru 2019, fl-Università ta' Malta, l-Imsida, organizzata mill-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta.

Is-sit tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università
www.um.edu.mt/arts/malti

**Lill-**
**PROFESSUR OLIVER FRIGGIERI**
**b'għożża u bi gratitudni**

**Nota tal-awtriċi**

Din il-pubblikazzjoni qiegħda tiġi ddedikata lill-Professur Oliver Friggieri, proprju ftit jiem wara li ħalla din id-dinja fil-21 ta' Novembru 2020. Huwa kien il-moħħ ewlieni wara l-proġett tal-ġbir tal-proża bil-Malti ta' Dun Karm u mexa miegħi pass pass biex wasalt sa hawn. Ħajr lil Dr George Farrugia għall-għajnuna tiegħu u lid-Dipartiment tal-Malti li tani l-opportunità nagħmel dan id-diskors fil-Konferenza Karmen Mikallef Buħaġar.



**Dun Karm**

# Ħarsa Ġenerali

Minkejja li Dun Karm sab xorti kbira fil-qasam tal-kritika, kemm matul ħajtu, kif ukoll wisq aktar wara mewtu, il-proża tiegħu bil-Malti baqgħet ma ngħabritx. Fl-isfond tal-ġabriet li saru sa issa, jiġifieri tal-poeżiji bil-Malti u bit-Taljan, kif ukoll ta' parti kbira mill-ittri, kien jonqos li tinġabar il-proża tiegħu, fost l-oħrajn bil-Malti. Din id-deċiżjoni ttieħdet qabelxejn bil-għan li jkun komplut il-kwadru kollu tal-kitba ta' awtur li d-dedikazzjoni tiegħu għall-kelma miktuba hija mifruxa tul ħajtu kollha, jiġifieri minn madwar is-snin għoxrin tas-seklu 19 sal-bidu tas-sittinijiet tas-seklu 20.

Il-ġbir tal-proża bil-Malti kellu jinvolvi tiftix f'għadd ta' oqsma, qabelxejn fl-arkivji personali tiegħu miżmumin fil-Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta, fil-Melitensia tal-Università, fil-kamra ta' Dun Karm fil-Mużew tal-Imdina, u f'ġabriet privati. F'dawn il-postijiet instabet bosta informazzjoni primarja minn rivisti, gazzetti, manuskritti u kotba. Id-diffikultajiet ma kinux ftit, anki minħabba li Dun Karm qatt ma wera l-interess li jiġbor ix-xogħlijiet tiegħu, u għalhekk dawn kienu mifruxa f'postijiet differenti. B'dan il-punt, il-ġbir tat-testi tal-proża tal-awtur, kemm oriġinali kif ukoll oħrajn li diġà kienu ppubblikati, żvolġa b'mod sistematiku. Kif ukoll, meta kien possibbli u meħtieġ, setgħet tiġi kkonsultata direttament il-kopja oriġinali li xi drabi hija miktuba bl-idejn u drabi oħra bit-typewriter. L-ewwel pass f'dan il-proġett kellu jkun l-aċċertament li din hija ġabra sħiħa tal-proża bil-Malti. Dan seta' jinkiseb billi tinbena lista kemm kronoloġika u kemm

ġenerika tal-kitbiet kollha mqegħdin f'ordni ta' żmien. Kollox kellu jsir fl-isfond magħruf bħala tipiku ta' Dun Karm, jiġifieri li hu kien jikteb aktar biex jesprimi ruħu milli biex jidher fil-pubbliku. Hu għalhekk li ħafna mix-xogħlijiet ma jġorrux ismu magħhom, minkejja li huma magħrufin b'ċertezza li huma tiegħu bħalma huma l-editorjali ta' *Il-Malti* miktubin fis-snin 1929–1942.

Kollox huwa mibni fuq il-ġbir tal-informazzjoni primarja iżda din kellha tissaħħaħ permezz ta' sorsi sekondarji li għenu biex l-argumenti jiżvolġu aħjar. F'dan il-kuntest kienu ta' ħtieġa punti ta' riferimenti oħrajn, fosthom noti li l-awtur żied ma' xi poeżiji tiegħu, siltiet ta' proża li kiteb bit-Taljan, libreriji, artikli f'diversi rivisti u gazzetti, teżijiet, dokumenti mhux ippubblikati, kif ukoll materjal awdjoviżiv u kollezzjonijiet diġitali.

Quddiem din il-ħażna ta' xogħlijiet kien imiss li dawn jitqiegħdu f'xi forma ta' ordni li tirrifletti l-għażliet tiegħu. Kien ta' ħtieġa li kull test jinqasam skont tema jew titlu, iżda din il-klassifikazzjoni ħadet sura differenti aktar 'il quddiem meta fid-dawl tal-ġabra sħiħa, il-proża setgħet tinqasam f'erba' ġeneri: editorjali, ittri, saġġistika u awtobijografija. Fit-terminu wiesa' tiegħu, kull ġeneru mbagħad jiġbor fih għadd ta' testi diversi. Hekk seta' jibda jingħata apprezzament tal-ġabra kollha. Kull ġeneru tqiegħed f'lista kronoloġika, mibnija skont metodu magħżul u skont data ta' pubblikazzjoni, biex imbagħad setgħu jintwerew ix-xejriet ewlenin fl-iżvilupp gradwali tal-ħsieb u tal-istil tiegħu. Minħabba li kien awtur eklettiku u li kien jimpenja ruħu f'oqsma differenti fl-istess żmien, it-tqegħid tat-testi kollha f'ordni kronoloġiku wassal biex jidher aħjar kemm għall-awtur il-kitba kellha mhux biss tirrifletti l-ħsus tipikament individwali tiegħu, imma wkoll realtajiet l-aktar deċiżivi.

# L-Editorjali

Il-qagħda storika li twieled fiha l-organu tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kienet titlob li l-editorjal ta' *Il-Malti* joħroġ b'ideat ċari, friski, mibnija fuq is-sod, miktubin minn gruppi poetiċi u mfissrin dejjem b'serjetà akkademika mingħajr ebda ħsieb ta' polemika u personalizzazzjoni tal-ideat imfissra. Il-qagħda soċjali kienet qiegħda tħejji ruħha għal bosta bidliet kbar waqt li l-Kwistjoni tal-Lingwa ssoktat tifred lill-poplu f'żewġ estremi kontra xulxin li bħala regola kienu mhux biss kurrenti ta' ħsieb iżda wkoll impenn partiġjan. Kull diskors dwar l-ilsien Malti ma setax jinħeles minn konnotazzjonijiet ta' xeħta partiġjana. Għal dan il-għan Dun Karm kien il-figura ideali li setgħet tagħraf it-triq tan-nofs bejn iż-żewġ estremi. L-editorjali tiegħu, mistħarrġa kronoloġikament bħala argumenti qosra, jiffurmaw bejniethom:

- Proġett ta' ħsieb u azzjoni b'risq l-istandardizzazzjoni tal-lingwa l-aktar f'dik li hija ortografija b'riferiment partikulari għall-qagħda tal-'għ' u l-'h';

- Espożizzjoni ta' prinċipji estetiċi li fil-kuntest tal-ħsieb filosofiku-letterarju tal-kultura Mediterranja, Malta ħadet sehem fihom sa mill-bidu u huma l-qofol ta' kull ħsieb dwar is-siwi morali tal-valur artistiku tal-kitba letterarja.

Bl-għażla tiegħu bħala editur, l-Għaqda assigurat għal żmien twil il-mod kif kellha ġġib ruħha tul is-snin tal-Kwistjoni tal-Lingwa

billi ma kkumplikatx ir-relazzjoni tagħha mal-partiti politiċi u baqgħet turi li s-soluzzjoni kollha tinsab fit-triq tan-nofs. Bl-istil prudenti tiegħu, huwa rnexxielu jesponi bil-kalma s-soluzzjoni għall-problema ortografika kif ukoll juri f'liema direzzjoni kellu jimxi l-ħsieb tal-letteratura bil-Malti. Bi kliem meqjus, irnexxielu jwassal messaġġ ċar lil dawk li warrbu l-lingwa Maltija. Fil-qofol tagħhom l-editorjali huma espożizzjoni tajba ħafna ta' liema prinċipji politiċi u estetiċi kellhom jiksbu prominenza fil-każ tal-Malti, lingwa qadima iżda li kien għad jonqosha l-ħila ta' kittieba serji. L-għan tiegħu jibqa' dejjem wieħed, dak li juri s-setgħat li jħaddan l-ilsien Malti.

Matul it-tlettax-il sena li dam President tal-Għaqda u Direttur tar-rivista (1929-1942) kiteb diversi editorjali li għalkemm il-biċċa l-kbira tagħhom isegwu lil xulxin jistgħu jiġu kklassifikati fi tliet kategoriji. Uħud mill-editorjali jiddiskutu l-poeżija Maltija bħala mezz ta' tagħlim mill-aktar essenzjali għall-edukazzjoni f'Malta filwaqt li jitkellmu fuq il-poeżija bħala realtà mistika. Oħrajn huma ta' xeħta estetika bil-għan li Malta jkollha l-letteratura tagħha bħal kull pajjiż ieħor. Imbagħad hemm dawk li jitkellmu fuq il-ħtieġa li kull Malti jagħraf jindokra tajjeb il-lingwa Maltija b'ortografija, alfabett u grammatika kif xieraq. Dawn it-tliet kategoriji jirriflettu l-ħsieb li huwa wera fl-editorjali tiegħu.

## Interpretazzjoni Poetika tal-Letteratura Kollha

### *Il-Poeżija bħala Tiftixa tas-Sabiħ*

Ma jistax jonqos li Dun Karm iqabbel il-poeżija fil-kuntest sħiħ tagħha ma' dak kollu li hu sabiħ. Ħafna drabi s-sabiħ huwa msieħeb ma' dak li jista' jkun veru, utli u ta' pjaċir (Carritt 3, 10). Dawn

huma t-tliet fatturi li jwasslu lill-bniedem jagħżel bejn is-sabiħ u l-ikrah mal-ewwel tqanqila. Dan kollu jkun influwenzat minn emozzjonijiet u opinjonijiet personali. Is-sabiħ ma jintweriex lill-bnedmin imma huwa bħal għodda universali li biha l-bnedmin jikkomunikaw bejniethom. Fl-istess waqt, is-sabiħ ma jistax jeżisti jekk wieħed ma jġarrbux (Carritt 10, 15). Bl-istess mod Dun Karm jitkellem fuq il-poeżija. Għalih "il-poeżija taħkem bil-ġmiel" u hi l-isbaħ qalb l-Arti kollha. Il-ġmiel li joħloq l-arti, fosthom il-poeżija, huwa dak il-ġmiel li jolqot is-sensi u l-qalb waqt li jixgħel il-fantasija ("Il-Poeżija Maltija fl-Iskejjel Aħjar Minn Kull Waħda Oħra" 4). Filwaqt li l-proża teħtieġ ir-raġuni biex wieħed jifhem dak li jkun qara, il-poeżija tistieden lill-qarrej biex jgħaddi minn esperjenza ta' emozzjonijiet diversi mimlija fantasija ("Is-Sengħa tal-Kitba: Għażla Oħra bejn il-Poeżija u l-Proża" 6). Huwa għalhekk li jisħaq li meta l-versi jkunu maħdumin f'għaqda waħda jaslu biex jolqtu lill-widna u lill-qalb tas-semmiegħ għax il-ġmiel tal-poeżija ma jinsabx fil-kelma imma fix-xbieha li ġġorr magħha ("Prosodija għall-Kittieba tal-Versi Maltin" 33–34).

Bħal fir-Romantiċiżmu, dak li hu sabiħ hu kollu tajjeb u għalhekk in-natura tirrappreżenta wkoll dak kollu li hu utli għax hija msaħħra bil-ġmiel. Għal Dun Karm kull sens ta' ħeġġa għall-kitba tal-poeżija għandu jiġi mnebbaħ biss min-natura għax emmen li l-ġmiel tal-ħolqien hu l-għajn li jitnebbaħ u jixrob minnha l-poeta ("Il-Poeżija Maltija fl-Iskejjel Aħjar Minn Kull Waħda Oħra" 34). Hawn il-poeżija hija r-rappreżentazzjoni tal-Awtur tal-ħolqien mimli sbuħija li ssaħħar. Kelmet il-poeta tfittex li tfisser tajjeb dak li jara hekk kif jinħakem mis-sejħa divina. Fil-poeżija "Dell u Dija" jtenni li f'dan il-mument "jara wiċċ imb wiċċ is-Sebħ ta' dejjem" (v. 95) sakemm jintilef u idu tikteb "l-għanja tal-Poeta" (v. 78).

L-arti hija mqabbla ma' dak li tagħmel il-warda, "il-poeżija bħall-warda sabiħa" ("Il Monumento Commemorativo del Congresso" numru 10 u "Il-Poeżija Maltija fl-Iskejjel Aħjar Minn Kull Waħda Oħra" 5). Il-warda tolqot l-għajnejn hekk kif iħarsu lejha. L-esperjenza tkun kollha kemm hi ta' kuntentizza u ġġiegħel lill-bniedem jirrifletti fuq kemm hu sabiħ il-ħolqien. Fis-sens wiesa' tagħha, il-letteratura ta' nazzjon hija mqabbla ma' ġnien letterarju ("Poeżija Tagħna" 33) mimli ward, poeżiji li jagħnu l-letteratura biex it-tiġriba tkun dejjem waħda, rifless tas-sabiħ kollu li jħaddan l-ilsien. Għalih il-poeżija u l-warda jirrappreżentaw il-ħajja. Kif il-warda hija "il-poeżija tal-ħajja tal-ġonna", hekk ukoll "il-poeżija hija l-warda tal-ħajja letterarja" ("La Hemm il-Ward Hemm il-Ħajja" 5).

Il-paragun bejn ix-xjenza u l-arti hu ċar u jitqabbel mal-proċess naturali. Fil-ħarġa ta' Ġunju tal-1934 isostni li filwaqt li ż-żerriegħa hija ta' sostenn għall-bniedem fl-għajxien tiegħu, il-warda timla qalb u ruħ il-bniedem. Hekk jiġri fix-xjenza u fl-arti għax filwaqt li x-xjenza tindokra l-ħtiġijiet tal-ġisem, l-arti, f'dan il-każ il-poeżija, toffri dak il-ferħ u dik l-hena fil-bniedem li x-xjenza ma tistax toffri ("Poeżija Tagħna" 33). Skontu dan il-ġmiel ma jistax jinħoloq mill-bniedem tax-xjenza imma mill-artist biss. Ix-xjenzat ma jistax joħloq ġmiel li jista' jħossu kulħadd imma joħloq biss dak il-ġmiel li jiġi mill-moħħ permezz ta' dak li jsawwar il-warda minn ġewwa. Huwa l-artist biss li jirnexxilu jħeġġeġ qalb il-bniedem għax il-ġmiel li joħloq hu jiġi mill-qalb. Kollox hu msejjes fuq il-fatt li "il-ġmiel, aktar milli mal-moħħ, għandu x'jaqsam mas-sensi u mal-qalb" ("Prosodija għall-Kittieba tal-Versi Maltin" 33). L-istess paragun isir bejn il-proża u l-poeżija f'"Is-Sengħa tal-Kitba" ta' Diċembru 1925 fejn jisħaq li l-proża hi "kliem biered u mejjet wisq għal min għandu qalb

mixgħula" (97). Għall-kuntrarju, il-poeżija tolqot lill-bniedem għax hi mimlija emozzjoni.

Bħalma l-warda għandha ġmiel ieħor f'dak li jsawwarha, il-poeżija wkoll tħaddan tip ta' ġmiel ieħor minbarra dak li jidher, u dan jinsab fil-versi, fl-għażla tal-kliem, fil-metrika u f'bosta karatteristiċi oħra tagħha. Fl-editorjal ta' Ġunju 1933 jisħaq fuq il-fatt li għalkemm il-poeżija tinsab fix-xbieha li l-kelma tkun qiegħda tfisser, xorta waħda l-għażla tal-kelma hi ferm importanti. Fi kliem ieħor, il-kelma mhi xejn għajr il-libsa ta' ħsieb l-awtur. Huwa għalhekk li l-użu tar-regoli tal-kliem kif jixraq iwassal biex il-ġmiel tal-poeżija jkun ħafna akbar.

***Il-Poeżija u l-Poeta***

Il-poeta jiddistingwi ruħu mill-kumplament tan-nies li jgħixu madwaru fil-komunità. Huwa persuna li sa mill-mument li titwieled tirċievi l-kapaċità li tmur 'il bogħod mill-għajjat tan-nies u tinqata' għaliha weħedha sabiex tgawdi s-solitudni. Dan l-iżolament ma jiġix biss mis-sejħa li tgħollih 'il fuq mill-kumplament tal-poplu, imma hija sejħa poetika mid-divin, kunċett ta' nisel Romantiku. Huwa prinċipju li jirrifletti l-qawl Ovidjan "est Deus in nobis" ("Fasti" VI, 5) imtenni minn bosta poeti Barokki. Muratori jirreferi għall-istess ħsieb f'"Della Perfetta Poesia Italiana" u aktar tard sab ruħu f'poeżiji bħal "Il Poeta e i Suoi Pensieri", "La Parola" u "Il Poeta e la Società" ta' Giovanni Prati.

Aktar milli l-iskop letterarju, il-vokazzjoni tal-poeta ddur l-aktar ma' kif il-bniedem għandu jgħix ma' Alla, miegħu nnifsu u ma' ta' madwaru għax id-definizzjoni tal-poeżija tinġabar f'dak kollu li hu morali. Hekk kif itenni f'"Dell u Dija", qalb dinja

mimlija pjaċiri hemm il-poeta li f'mument mill-aktar sublimi hu mnebbaħ mis-safa tan-natura u ma jixtieq xejn minn dak kollu li hu materjali. Bħala bniedem "imsaħħar", il-poeta jitnebbaħ mid-Divin sakemm jasal f'mument meta ma jiktibx dak li jixtieq hu, imma jkollu jpoġġi fi kliem dak li jkun qiegħed iġarrab:

> Mhux minn jeddu l-Poeta
> jgħanni. Hemm xrara li xi drabi tikbes,
> u meta tikbes tixgħel,
> u meta tixgħel taħkem
> u tħaddan lill-Poeta u donnha tbusu
> u tgħidlu kliem li ħadd għajru ma jifhem.
>
> (vv. 64–70)

L-esperjenza li jgħaddi minnha l-poeta hija waħda sublimi li fiha "jintilef / f'saltna ta' sebħ li mhux ta' din id-dinja" (vv. 80–81). F'din il-mixja spiritwali, il-poeta jitlaq minn dak li huwa fiżiku u li jista' jintlaħaq mill-bniedem, għal dak kollu li hu maħluq mid-Divin. Tant hu hekk li f'"Non Omnis Moriar" isejjaħ lill-poeta bħala l-"Ħabbar tas-sewwa" (v. 138). Il-viżjoni ta' x'inhu poeta hi msejsa fuq dak kollu li hu morali, rifless tal-figura li jara Parini f'poeta. Dawn il-ħsibijiet jinftehmu aħjar fil-kuntest Klassiku-Romantiku Taljan li Dun Karm u l-kittieba Maltin ta' żmienu trawmu fih.

F'dan il-kuntest, huwa għalhekk li l-poeżija titqabbel mal-warda għax bħalha ssaħħar bis-sbuħija tad-dehra tagħha. Fl-istess waqt hi mistika għax hi mnebbħa minn dak kollu li ġej minn Alla. Proprju għax il-poeta għandu identità sublimi, għalkemm jasal żmien li fih suritu tħalli din id-dinja, il-poeżija tiegħu tibqa' ssebbaħ il-letteratura tiegħu u ta' pajjiżu għax "min fis-sema

tnissel / la jixjieħ u la jmut" ("Non Omnis Moriar" vv. 139–140). Il-poeta hu immortali għax permezz ta' xogħlijietu jibqa' ħaj fil-ġenerazzjonijiet ta' warajh. Huwa kunċett Klassiku li jaf il-bidu tiegħu lill-espressjoni Orazjana "non omnis moriar" ("Odi" III, 30, 6) imbagħad imtennija minn diversi poeti oħra. Il-mewt u l-ħajja ta' poeta jitwaħħdu flimkien bħala sinjal li wara l-mewt il-poeta jibqa' ħaj fil-memorja permezz ta' xogħlijietu. Hekk, hu u l-poeżiji tiegħu jidhru ħaġa waħda permezz tar-rikonoxximent li għad isir fin-nuqqas tal-preżenza tal-poeta.

It-titlu tal-editorjal ta' Ġunju 1931, "Poeta Titwieled, ma Ssirx", huwa rifless tal-qawl Latin "poeta nascitur, orator fit." Huwa ħsieb li ġie segwit minn xi ħassieba Taljani fosthom Parini u Foscolo. Jidher ukoll fid-daħla għal *L-Ewwel Ward jew Ġemgħa tal-Poeżijiet li Ktibt bl-Ilsien Tagħna* (5), f'"Il-Poeżija Maltija fl-Iskejjel Aħjar Minn Kull Waħda Oħra" (3), f'"Un Amico ... Caro" (55) u fil-poeżiji "Lill-Muża" ("U kelmithom, safja, dik li tahom Alla; / l-għanja, mirquma, dik li tnisslet magħhom" vv. 12–13) u "Trid Taf?" ("bniedem li twieled hekk" v. 2). Ebda bniedem ma jista' jkun poeta ladarba mhux imwieled hekk, "biex tkun poeta trid titwieled hekk, għax min ma jitwilidx poeta, ma jsir qatt" ("Poeta Titwieled Ma Ssirx" 42).

Il-poeżija hija vjaġġ li l-poeta jgħaddi minnu; vjaġġ minn mumenti twal ta' riflessjoni li jwasslu għal biċċa xogħol artistika mġarrba minnu stess. Biex wieħed jikteb tajjeb irid l-ewwel iħejji l-moħħ, il-qalb u l-fantasija filwaqt li jagħraf tajjeb l-ilsien li qiegħed jikteb bih. Huwa jemmen li kull kittieb għandu jfittex il-mod li bih kitbu awturi oħra fl-imgħoddi ("Is-Sengħa tal-Kitba: Biex Wieħed Jikteb Tajjeb" 73). Il-kotba tal-awturi Klassiċi huma ċ-ċavetta għal dan it-tagħrif għax huma "eqreb lejn in-nixxiegħa

li minnha ġej ilsienna, huma aktar safjin, aktar tas-saħħa, aktar bnien, f'kelma waħda, aktar Maltin" ("Is-Sengħa tal-Kitba: ir-Riflessjoni" 115). L-idea li t-triq biex issir poeta hija diffiċli tidher ukoll fl-editorjal "Poeta Titwieled, ma Ssirx" (48) u f'"Poeta" (vv. 10-12) imma qatt ma jaqta' qalb dak li għad ikun tassew poeta.

Tul dan il-vjaġġ il-poeta jinqata' għalih waħdu u ma jibqax dak li hu. Iżda meta jilħaq il-milja tal-vjaġġ kollu u jlesti l-opra poetika tiegħu, huwa bħal jistrieħ u jerġa' jsir il-bniedem li kien. Is-sodisfazzjon ta' dan kollu jinsab fil-hena li kemm il-poeta u l-qarrej iġarrbu hekk kif jgħaddu mit-tiġrib poetiku. Meta l-qarrej ma jingħaqadx mal-poeta biex iġarrab dak li ħass il-poeta hu stess, l-għan aħħari tal-poeżija jintilef ("Is-Sengħa tal-Kitba: il-Lsien, il-Kelma u l-Kitba" 7).

Min-naħa l-oħra, minkejja li bniedem irid jitwieled poeta, jeħtieġ ukoll li qalb il-poeta tkun safja ("Il-Poeżija Maltija fl-Iskejjel Aħjar Minn Kull Waħda Oħra" 3). Għal Dun Karm ma jistax ikun poeta dak il-bniedem li ruħu mhix safja. F'"Lill-Poeżija Tiegħi" jsostni:

> Kif qatt fi ħdanek,
> O Poeżija,
> Ma bejtet għira,
> Anqas ħruxija.
>
> (vv. 81–84)

Filwaqt li l-poeżija ta' dak li hu tassew poeta tidħol mill-ewwel f'qalb il-qarrej-semmiegħ, għall-kuntrarju, il-poeżija ta' dak li mhux poeta qatt ma tista' tolqot il-qlub, għax mhijiex imnebbħa mis-safa. Il-poeżija għandha tkun ukoll ispirata mill-

esperjenzi u mill-emozzjonijiet tal-poeta. F'dan is-sens, apparti l-osservazzjoni tan-natura, il-poeta għandu wkoll ifittex fit-tiġrib ta' ħajtu, il-ġewwieni li jsawwar lilu bħala bniedem ("Il Monumento Commemorativo del Congresso" numru 12, 350). Hu stess dejjem qies lill-poeżija bħala dik li lejha jdur f'kull mument ta' ferħ u niket. B'hekk il-poeżija titqies bħala r-rifless ta' ruħ il-poeta.

***Il-Poeżija u l-Edukazzjoni***

Minkejja l-varjazzjoni fl-ideat ta' bosta filosfi, żgur li l-importanza tal-edukazzjoni hija fattur komuni li deher b'qawwa fis-sekli sbatax u tmintax iddominati mill-moviment tal-Illuminiżmu. L-edukazzjoni tal-poplu setgħet issir biss permezz tal-ilsien tal-pajjiż. Dan seta' jintlaħaq mill-poplu permezz ta' kitbiet fil-ġurnali li f'dawn iż-żminijiet żdiedu bil-bosta. Fost it-tibdiliet, l-aktar waħda persistenti kienet dik li l-kitba kellha tkun sempliċi u ċara. Dawn il-fehmiet dehru l-ewwel fi Franza sakemm bdew jidhru wkoll fil-pajjiżi Ewropej. F'Malta kien Mikiel Anton Vassalli (1764–1829) li beda jemmen fl-importanza tal-edukazzjoni tal-poplu permezz tal-lingwa Maltija u fl-importanza ta' din il-lingwa. Biex jasal għal dan, peress li Malta kienet maħkuma mill-barranin, bilfors kellu jmur għal ideat lil hinn minn Malta u għaldaqstant kien l-ewwel bniedem li wassal il-ħsibijiet tal-Illuministi. F'dan id-dawl hu jqis il-lingwa bħala l-istorja tal-poplu (Attard, *Storja tal-Estetika Letterarja Maltija* 31).

Lejn l-aħħar tas-seklu dsatax, Ġan Anton Vassallo (1817–1868) kompla fuq dak li beda Mikiel Anton Vassalli billi ra l-letteratura bħala għodda li biha l-poplu seta' jiġi mgħallem filwaqt li jieħu pjaċir. Kollox hu msejjes fuq il-kunċett tal-utli u l-pjaċir, kunċett li jaf il-bidu tiegħu lil Platun u Orazju li saħqu fuq il-ħtieġa li

l-letteratura għandha tgħallem u tagħti gost. Il-poplu stess kien l-ispirazzjoni li wasslet lil Vassallo biex jgħallem lill-poplu bix-xogħlijiet tiegħu (Friggieri, *Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija* 59). Flimkien ma' diversi poeti oħra li ġew warajh, anki dawk minuri bħal Dwardu Cachia, użaw din it-teknika letterarja sabiex joħolqu kuxjenza nazzjonali fil-poplu Malti. Permezz ta' bosta kitbiet fil-gazzetti beda jintiseġ il-ħsieb ta' Malta bħala nazzjon u fl-istess waqt sentiment antikolonjali wara ħafna snin ta' ħakma. Tul is-snin, dan kollu jilħaq il-qofol tiegħu fix-xogħlijiet ta' Dun Karm li għalih, ladarba l-poeżija hi mnissla minn dak li hu divin, is-setgħa tagħha hi kbira. Huwa emmen li l-għan tal-poeżija hu li tgħallem mingħajr ma ddejjaq ("X'Nixtieqū" 58).

Il-poeżija mhux biss hija għodda li biha wieħed jistudja l-lingwa Maltija imma hija wkoll għodda li ssawwar it-twemmin u l-valuri morali tal-individwu, "qawwa kbira fit-tiswira tal-karattru tat-tfal u taż-żgħażagħ" ("Il-Poeżija Maltija fl-Iskejjel Aħjar Minn Kull Waħda Oħra" 3). Għalih il-poeżija Maltija fil-qasam edukattiv, l-aktar skolastiku, hi aħjar minn kull poeżija oħra fl-iskejjel tal-pajjiż tant li jqisha bħala waħda mis-sisien li fuqhom tissawwar l-identità ta' kull persuna. Hi l-poeżija Maltija li titnissel fil-qalb tat-tfal u ż-żgħażagħ, isiru jħobbuha u tgħinhom jersqu lejn dak li hu tajjeb. Għall-kuntrarju, il-poeżija barranija ddum biex tiftiehem għax hi miktuba b'lingwa li l-bniedem diffiċli jkun jaf daqs dik li jitkellem biha.

Fl-editorjal ta' Ġunju 1930 jagħti definizzjoni tal-karattru li jista' jsawwar il-poeżija, in-natural ta' raġel li jibqa' fidil lejn Sidu, lejn art twelidu u lejn għajru ("Il-Poeżija Maltija fl-Iskejjel Aħjar Minn Kull Waħda Oħra" 33). Huwa jsostni dan billi jagħti eżempji ta' poeżiji li jsawru l-karattru tat-tfal permezz tar-

reliġjon, tal-imħabba lejn pajjiżhom, qrabathom u għajrhom. F'dan il-waqt il-poeżija tkun qiegħda fl-aqwa tagħha għax tfakkar iż-żewġ karatteristiċi importanti tagħha bħala l-arti li tiċċelebra r-reliġjon u l-istorja tan-nazzjon. Fil-fatt, fl-editorjal ta' Marzu 1930 jistqarr li l-poeżija hi mera tal-fatt li permezz tagħha l-karattru tat-tfal jissawwar ħelu ħelu u jissarraf fi rġulija, "ġibda sabiħa u qawwija li kienet dejjem, u tibqa', is-sies li fuqu jinbena l-karattru u titwettaq l-irġulija" (6).

L-għan tal-letteratura Maltija minn dejjem kien li tgħallem. Huwa jagħti importanza lil dan l-aspett morali billi jisħaq li l-poeżija għandha tkun ta' natura didattika. Ma tistax tilħaq il-qofol tagħha jekk l-għan ikun li timpressjona u li twassal dak li mhux minnu. Għalhekk, għandha tkun "poeżija tal-poplu" għax tirrifletti l-ħajja tal-bniedem minn kull aspett tal-ħajja tiegħu, jiġifieri dik persunali, familjari u soċjali. B'dan il-mod ikun leali lejn iċ-ċittadini fl-oqsma kollha tal-ħajja għaliex dak li jkun qiegħed jikteb ikun il-veru. Qalb u moħħ ta' poeta li jimxu id f'id flimkien iwasslu biex tinkiteb ċar il-poeżija tal-poplu.

Bħala l-bniedem li dejjem ra kif jgħolli l-isem tal-poeżija Maltija, fil-ħarġa ta' Marzu 1930 juri li fl-iskejjel għandna biżżejjed poeżija bil-Malti ta' livell li jisthoqqilha tieħu post il-barranija (6). Biex isaħħaħ lil din il-poeżija dejjem ra kif jista' jtejjeb il-kitba tagħha. Kien għalhekk li jitkellem dwar prosodija għall-kittieba tal-versi Maltin jew kif isejħilha hu "rwiegel għall-ħidma tal-versi Maltin" ("Prosodija għall-Kittieba tal-Versi Maltin" 33). Huwa ħass il-ħtieġa ta' din il-prosodija għal dawk iż-żgħażagħ li qegħdin jitrawmu fil-kitba tal-versi bil-Malti. Prosodija tajba kellha twassal għall-kitba ta' versi li jixirqu lil-lingwa Maltija kemm fil-kitba kif ukoll fil-ħoss. Madankollu, iżid li għalkemm tinħass sew

din il-ħtieġa, min jidħol għal dan ix-xogħol kellu jkun "għarriexi rqiq" li jaf sewwa l-ħidma tal-versi bil-Malti (34).

## Il-Letteratura

### *X'Inhi l-Letteratura*

Kotba letterarji differenti, miktuba fi ħdan kulturi u żminijiet varji, jinkludu tipi ta' letteratura differenti. Fl-istess ħin l-estetika titteorizza b'mod li toffri definizzjoni essenzjali waħda, universali, minkejja li l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju tvarja (Widdowson 1). Il-letteratura hi l-arti li toffri xogħol magħmul mill-kliem. Ix-xogħlijiet letterarji jinqasmu fi proża u f'poeżija. Dawn imbagħad jitqassmu f'forom differenti, bħalma huma l-eleġija u r-rumanz (Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* 413–414).

Dun Karm ukoll jitkellem dwar x'inhi l-letteratura. Fil-ħarġa ta' Settembru 1937 jgħid li l-letteratura tirrappreżenta l-ħajja ta' nazzjon, "l-espressjoni tal-ħajja ta' ġens, jew aħjar, ta' nazzjon" ("Il-Letteratura Tagħna" 103). Fl-editorjal ta' Settembru 1941 jgħid li hi wkoll it-"tifsir bil-kitba tal-ħsibijiet u tal-imħabbiet ta' ġens il-bniedem" ("X'Nixtiequ" 58). Hu stess f'"Lil Malta – 11-XI-42" (1942) juża l-letteratura biex jitkellem dwar Malta li tul l-istorja tagħha dejjem ħarġet rebbieħa fuq l-għadu.

Jemmen li wara dan it-terminu hemm moħbija l-istorja ta' kull nazzjon, l-influwenzi tal-ħakkiema li ħakmuh, u dak kollu li wassal biex in-nazzjon hu dak li hu. Il-poeżija hija "l-espressjoni safja tar-ruħ tan-nazzjon" ("Raġuni, Mhux Ġlied u Tgħajjir" 62). Dan ifisser li r-rabta li hemm bejn in-nazzjon u l-poeżija ma tinħallx għax il-poeżija biss hi l-leħen ta' dak kollu li għaddew

minnu missirijietna kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja ta' kuljum kif ukoll f'dak kollu li hu l-qofol tal-istorja ewlenija tan-nazzjon. Għar-Romantiċi, l-aktar għall-poeti, il-kitba letterarja hi awtobijografika.

Fl-editorjal ta' Ġunju 1938 jistaqsi "X'inhi Letteratura? Għalfejn Tiswa?". Lill-ħsieb li l-letteratura tiddeskrivi l-ħajja tan-nazzjon isejjaħlu "l-awtobijografija ta' nazzjon" (33). Huwa ħsieb li jidher ukoll f'"Il-Letteratura Tagħna" (103), "L-Ewwel Preżentazzjoni tal-Premju Ġużè Muscat Azzopardi" (103), "Raġuni Mhux Ġlied u Tgħajjir" (62), u "Taħdita fuq il-Poeżija Maltija" (103). L-awtobijografija tkun miktuba min-nazzjon innifsu u mhux minn persuna jew persuni li jgħixu fih jew saħansitra barranin. Bħalma fl-awtobijografija ta' bniedem ikun hemm miktub ħajtu sa minn meta twieled jew qabel, u tasal sa meta tkun miktuba, fl-awtobijografija ta' nazzjon tinkiteb il-ħajja mill-bidu li nħoloq saż-żmien li jinsab fih. Din tinkiteb minn bosta awturi fi żminijiet diversi. Madankollu, hemm żewġ differenzi bejn dawn l-awtobijografiji li skontu huma "divrenzji aktarx kbar" (X'inhi Letteratura? Għalfejn Tiswa?" 33). L-ewwel differenza hi dik li l-bniedem ikun daħal sew fiż-żmien meta jibda jikteb l-awtobijografija u għalhekk l-avvenimenti li jirrakkonta ma jkunx qiegħed jarahom bl-istess mod ta' meta fil-fatt seħħu. Għall-kuntrarju, l-awtobijografija ta' nazzjon tibda tinkiteb minn dik il-ġurnata li n-nazzjon jibda jieħu l-ewwel xejra tiegħu. B'dan il-mod il-ġrajjiet tan-nazzjon huma miktuba dak il-ħin stess "għax ma' kull ġrajja ssir it-tifkira tagħha" (X'inhi Letteratura? Għalfejn Tiswa?" 34). It-tieni differenza hija li l-kittieb ikun jaf li qiegħed jikteb dwar ħajtu u jista' jkun li jirranġa jew jaħbi xi avvenimenti li għadda minnhom. Iżda l-awtobijografija ta' nazzjon tinkiteb minn bosta persuni fi żminijiet differenti u għaldaqstant jekk xi ħadd jazzarda jżid xi kelma żejda jkun hemm xi ħadd ieħor

li jnaqqasha, u fl-istess waqt jekk xi ħadd nesa xi fattur importanti waqt li kien qiegħed jikteb malajr jiftakru kittieb ieħor. Hekk għalih il-letteratura ta' nazzjon hi "l-mera tagħha li jgħid is-sewwa, li fiha tidher kif inhi tassew" (34). Hi l-letteratura li tirrifletti l-qagħda ta' kull nazzjon.

## *Il-Ħtieġa ta' Letteratura bil-Malti*

Ix-xewqa ta' Dun Karm u ta' bosta Maltin oħra li ħabbew l-ilsien Malti kienet li kull Malti jkun kburi bl-ilsien li jitkellem bih. Fl-editorjal ta' Ġunju 1936 jgħid li ħafna huma dawk li bdew jifhmu kemm hu sabiħ u importanti li tħobb ilsien pajjiżek. Għalihom mhux importanti minn fejn ġej u kif inhu għax "liema hu dak il-ġens għaqli li ma jħobbx il-kelma tiegħu?" ("Bdew Jifhmu" 35). Huwa juri din il-fehma wkoll f'"Il-Għanja tal-Ilsien Malti" (1939):

> X'jimpurtani 'k hux Feniċju,
> jekk hux Għarbi jew Latin,
> jekk hux aħrax, jekk hux ħelu,
> dan il-lsien tagħna l-Maltin.
>
> (vv. 1–4)

Iżda ħafna kienu tal-fehma li l-Malti jifred lill-Maltin minn popli oħra għax m'għandux letteratura kbira u sabiħa bħal ta' ġnus oħra. L-awtur jgħid li dawn in-nies "ma jitkellmux b'qalbhom f'idejhom, inkella għandhom dehenhom ftit u xejn iżgħar" ("Bdew Jifhmu" 35). Saħansitra mhux l-ewwel darba li jieħdu biċ-ċajt lil dak ix-xi ħadd li jsemmi l-letteratura Maltija ("Il-Letteratura Tagħna" 103). Il-kobor ta' kull letteratura jiddependi minn kemm hu kbir jew żgħir il-pajjiż. Pajjiż żgħir ma jistax ikollu letteratura kbira, u bil-kontra. Il-letteraturi li llum huma kbar, bħal-letteratura

Ingliża u Taljana, ma kinux kbar mill-bidu. Xi darba kienu żgħar u minn xi mkien kellhom jibdew biex huma kif inhuma llum. Lil dawn il-letteraturi jqabbilhom ma' warda li biex tidher kbira u sabiħa trid tibda miż-żerriegħa ċkejkna tagħha. Fuq kollox, żgur li n-nies li ħadmu biex il-letteratura ta' pajjiżhom tkun kolta ma kinux jaħsbuha bħal dawn il-Maltin "fliena tagħna" ("Bdew Jifhmu" 36). Meta wieħed iħares lejn letteratura kbira, minflok ma jwaqqa' ġieħ l-ilsien Malti, għandu jagħmel kuraġġ u jħeġġeġ lil Maltin oħra biex flimkien isaħħu l-kelma Maltija "għaliex hekk biss tista' għada pitgħada tiftaħ f'letteratura xierqa lil ġens għaqli, ħawtiel, qalbieni, li jaf żminijiet qodma, u li għandu isem sabiħ fl-istorja taċ-ċiviltà" ("Bdew Jifhmu" 36).

Ħafna ma kellhomx l-opportunità li jmorru l-iskola u jitgħallmu, l-aktar dawk li kienu ġejjin mill-irħula. Għall-kuntrarju, in-nies li kienu jgħixu fl-ibliet kienu mħarrġa f'kull tip ta' tagħlim. Kienu jafu kif għandha tkun l-imġiba tagħhom fis-soċjetà. Minħabba f'hekk, mhux l-ewwel darba li meta r-raħlin kienu jiltaqgħu ma' dawn in-nies kolti kienu jħossuhom inferjuri għalihom. L-awtur jisħaq li dan jista' jiġi evitat permezz ta' letteratura bil-Malti għax min jgħallimhom u kotba fuqiex jitgħallmu ma kellhomx. Kellha tkun il-letteratura Maltija ċ-ċavetta li biha l-Maltin tal-irħula seta' jkollhom iċ-ċans iħossuhom hienja bihom infushom.

Ladarba kienu ħafna dawk il-Maltin li bdew jifhmu l-importanza ta' letteratura bil-Malti, ma setax jonqos li bosta żgħażagħ tiġihom ix-xewqa għall-kitba ta' xi vers jew tnejn bil-Malti sakemm "ħuġġieġa ta' ward letterarju Malti" beda jiftaħ fuq il-gżejjer Maltin ("Ħuġġieġa ta' Ward Malti" 3). Għall-awtur il-letteratura li kienet bdiet tinkiteb kienet l-għanja tal-letteratura Maltija. Fil-fatt iqabbilha ma' ward "ilellex ġmielu bi lwien sbieħ

u jarmi fwieħa ħelwa" (3). Tant hu hekk li din il-"fwieħa" ħarġet mill-ġnien li bdiet fih u marret lil hinn mill-gżira (4). Hekk Dun Karm u sħabu tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti setgħu jgħidu li l-għan tagħhom beda jintlaħaq ġmielu għax il-barranin bdew jagħżlu li jpoġġu l-ward Malti fil-ġonna tagħhom "fejn jiżgħed il-ward ta' waħda mill-ogħna u mill-isbaħ letteraturi li qatt ħaseb il-moħħ u ħadmet il-qalb tal-bniedem" ("Għalqet Sena Oħra" 103). Fl-editorjal ta' Marzu 1937 isemmi kif "erba' wardiet magħżulin" mil-letteratura Maltija waslu Londra u l-Afrika. Din kienet "ix-xemx tar-rebbiegħa" li kellha twassal raġġ ta' dawl f'għajnejn dawk li qatt ma basru li l-letteratura bil-Malti tista' tasal sa hawn ("Ħuġġieġa ta' Ward Malti" 4).

***Letteratura Miktuba bir-Reqqa***

Il-kitba hi dik ix-xbieha f'għajnejn u f'qalb il-kittieb minsuġa fi kliem. Meta l-kelmiet ikunu mwaħħdin tant tajjeb b'mod illi waħda ma tinħallx minn oħra, il-kitba tkun "tassew xbieha ta' dak li jaħseb u ta' dak li jħoss" ("Niktbu bir-Reqqa" 61). Fl-editorjal ta' Settembru 1932 jitkellem fuq l-għodod li għandu bżonn il-kittieb biex il-kitba letterarja tinħadem bir-reqqa. Kittieb ma jistax jikteb il-ħsieb li għandu f'moħħu jekk ma jifhimx sewwa dak li qiegħed jaħseb, aktar u aktar minħabba li ħafna drabi l-ħsieb ma jidhirx ċar mill-ewwel, bħal ritratt miġbud mill-viċin jew mill-bogħod iżżejjed. Għalhekk kittieb ma jibdiex jikteb qabel ma "iħares lejh minn kull naħa sakemm jagħraf bir-reqqa l-meddiet tiegħu kollha" ("Niktbu bir-Reqqa" 62). Ladarba jkun fehem sewwa l-ħsieb, ikun jista' jibda jinseġ il-kliem b'mod li l-qarrej jara xbieha ċara.

Il-kitba letterarja hi mqabbla ma' mera, "kristall ta' mera," hekk kif jgħid fl-editorjal ta' Ġunju 1938. F'din il-mera għandhom "jidhru

l-moħħ u l-qalb ta' min qed jikteb" ("Niktbu bir-Reqqa" 62). Imqabbla mal-kristall, kitba qatt ma tista' tissejjaħ tajba jekk il-kliem ma jkunx magħżul b'mod għaqli. Fil-fehma tiegħu, minkejja li ħafna huma l-Maltin li bdew jiktbu kelmtejn bil-Malti, bosta minnhom ma jiflux ħsiebhom sewwa u wisq anqas kliemhom, "donnhom ma għandhomx sabar la jonġru ħsiebhom anqas jagħżlu l-kelma: kull ma jinbet ġe' moħħhom u kull ma joħroġ mill-pinna merħba bih: xejn lima, xejn għarbiel." Għaldaqstant il-letteratura Maltija hi mqabbla ma' "għalqa mitluqa" għax ħadd minn dawn il-kittieba ma jagħraf jiżbor sewwa dak kollu li jkun kiteb ("Niktbu bir-Reqqa" 62).

L-appell dejjem ikun wieħed, dak li l-kittieba Maltin iħarsu fil-mera tal-letteratura Maltija u b'għaqal jagħrfu x'jonqos u x'ma jonqosx. Dak li hu tajjeb għandu jitkattar iżda dak li hu ħażin għandu jitwarrab. Ir-Romantiċi emmnu li l-perfezzjoni tal-poeżija twassal għall-perfezzjoni tal-bniedem innifsu. Bħalma wieħed jagħti titwila lejn il-mera qabel ma joħroġ barra, kull kitba letterarja qatt ma għandha tiġi mressqa quddiem il-pubbliku mingħajr ma l-kittieb ikun sodisfatt sal-aħħar b'xogħlu ("X'inhi l-Letteratura? Għalfejn Tiswa?" 35). Fl-istess waqt mhux l-għadd ta' kitba li jgħodd imma kif inhi miktuba u "mhux min jikteb bosta jkun letterat, iżda min jikteb tajjeb" ("Niktbu bir-Reqqa" 63). Il-letteratura Maltija, għalkemm ċkejkna, tista' tkun tajba kemm fil-qalb u kemm fil-moħħ, jekk "niflu bis-sabar il-ħsibijiet tagħna, u ma niktbux ħlief it-tajbin u s-sbieħ" u jekk "nistudjaw bil-ħrara u bl-imħabba l-kelma Maltija u l-grammatika tagħha, biex inkunu nistgħu nfissru sewwa l-ħsibijiet tagħna" (63).

L-editorjal ta' Marzu 1938 jagħti ħarsa lejn l-importanza taż-żmien waqt il-kitba ta' xogħol letterarju, fattur meħtieġ ieħor

fil-letteratura Maltija. Ħafna drabi l-kitba letterarja toffri żewġ għażliet: ix-xogħol jinkiteb u jitlesta f'qasir żmien, jew inkella li jkun meħud il-ħin kollu meħtieġ biex il-kitba tkun mirquma. Ir-riżultat ta' dawk li jagħżlu l-ewwel għażla ma jkunx tassew xogħol letterarju jew saħansitra ġieli lanqas itemmu x-xogħol li jkunu bdew.

Bħal ħafna ħsibijiet oħra msemmija tul l-editorjali tiegħu, dan il-ħsieb hu mqabbel man-natura. Għall-kuntrarju taż-żerriegħa tal-arawkarja, iż-żerriegħa tal-ward ma ddumx ma tinbet. Din id-differenza turi li l-warda ma ddumx ma tinxef u tmut, imma s-siġra tal-arawkarja ddum ħajja għal bosta snin. L-istess paragun isir bejn dak il-bini li tibża' tgħix fih għax ikun mibni bl-għaġla u dak il-bini li ħa snin biex inbena bi preċiżjoni u li għalkemm għaddew is-snin minn fuqu għadu wieqaf u f'saħħtu. Dan l-argument jgħodd ukoll għall-kitba letterarja. Insibu dawk ir-rumanzi, novelli u poeżiji li ma tiddejjaq taqrahom qatt. Dawn huma l-għaxqa tal-letteratura Maltija għax jgħaddi kemm jgħaddi żmien jibqgħu jingħoġbu. Hekk huma l-kitbiet ta' Temi Zammit, Ġużè Muscat Azzopardi u Anton Manwel Caruana. Iżda nsibu wkoll dawk li jinqraw kemm jinqraw ma jiġbdux widnet il-qarrej. Dawn il-kitbiet "bla sinsla, bla saħħa" jmutu hekk kif jitwieldu għax ma jaqilgħu xejn għajr xi "kelma ta' mogħdrija" ("Iż-Żmien u s-Sabar fil-Kitba Letterarja" 5).

Ladarba mhux importanti l-ammont ta' kitba imma kif inhi miktuba, wieħed ma jistax jippretendi li jikteb xogħol letterarju fi żmien qasir. Iż-żmien u s-sabar huma meħtieġa biex ikunu jistgħu jingħarfu sew kemm il-kontenut u kemm l-istil:

> Mhux min jikteb l-aktar, iżda min jikteb l-aħjar; u biex wieħed jikteb l-aħjar irid iż-żmien – żmien ta' ħsieb, ta' qies, ta' fili ta' kulma jiġri madwarna – u s-sabar fis-tiswija, fir-rqim ta' dak li fil-ħeġġa tal-kitba, jista' joħroġilna mill-pinna. Iż-żmien u s-sabar fil-kitba huma bħall-ilma u l-ħalib fis-siġar: huma biss iġibu l-ward sabiħ u l-frott bnin tal-letteraturi.
>
> ("Iż-Żmien u s-Sabar fil-Kitba Letterarja" 5).

Biex xogħol letterarju jilħaq il-milja tiegħu f'opra li tagħti pjaċir, il-kittieb għandu jorqom ix-xogħol b'paċenzja kbira waqt li jikkoreġi l-kitba tiegħu stess sakemm iħoss li l-kitba trodd ix-xbieha li għandu f'moħħu. F'dan id-dawl, l-aspetti kollha li jsawru opra letterarja għandhom tifsira li ħass u ħaseb il-kittieb.

Fl-editorjal ta' Marzu 1939 il-ħsieb hu mqabbel ma' xebba. Għalkemm il-ġmiel jinsab fix-xebba nnifisha, meta l-ilbies li tilbes ikun tassew jixirqilha, il-ġmiel tagħha jikber. L-istess il-kelma letterarja li tlibbes ħsieb il-kittieb. Il-ħsieb jisbieħ aktar ma l-kelma magħżula tkun safja, imqiegħda tajjeb u tirrifletti biss dak li hemm f'moħħ il-kittieb ("Katrin tal-Imdina ta' Dwardu Cachia, b'daħla u tifsir" 43–44). Minkejja li l-ġmiel jinsab fil-ħsieb innifsu, meta l-kelma magħżula ma tkunx tixraq, "mlibbes imċerċer bħal tallab jew imżewwaq bla ħajt bħal purċinella," il-ġmiel jintilef ("Il-Ħsieb u l-Kelma" 4). Biex isaħħaħ dan, isemmi l-ħsibijiet li għandhom x'jaqsmu mal-fidi Nisranija u mal-kurunelli. Bosta minnhom ikunu "mlibbsin bla qies u bla sengħa." Il-kliem magħżul jinkiteb mingħajr ebda ħjiel ta' sengħa tal-kitba u jkun misluf kliem barrani bla bżonn. Ladarba "ma għandhom ebda qawwa ta' ħsieb anqas ħeġġa ta' mħabba," dawn il-kitbiet ma huma tajbin għalxejn ħlief "għall-mogħdija taż-żmien" ("Il-Ħsieb u l-Kelma" 4).

## Il-Lingwa

### *L-Ilsien Malti*

Kull pajjiż li jinsab maqtugħ għalih waħdu mill-kumplament tal-pajjiżi b'xi muntanji jew bil-baħar għandu l-ilsien tiegħu. L-ilsien jissawwar tul snin twal ta' storja qalb in-nies li jgħammru fih. Għalhekk "l-ilsien hu l-għodda sabiħa, tal-għaġeb, li biha nfissru lil għajrna l-ħsibijiet tagħna, it-tqanqil ta' qalbna, il-ġrajjiet ta' ħajjitna" ("Il-Lsien Malti u Ilsna Oħra" 89).

L-ilsien Malti ma setax ma jġarrabx tibdiliet minħabba l-kuntatt li kellu ma' diversi ilsna barranin waqt li Malta kienet maħkuma. Għal Ġan Anton Vassallo kien ta' ħtieġa li l-ilsien ifittex li jkompli jistagħna permezz ta' kliem barrani. Dan ma jfissirx li ried iwarrab il-kliem Semitiku. Hu stess kien juża kliem safi Malti li jkun beda jintesa iżda kien tal-fehma li meta ma tinstabx kelma bil-Malti biex tfisser eżattament il-ħsieb tal-kittieb, għandha tintuża kelma ta' nisel Rumanz (Friggieri, *Storja tal-Letteratura Maltija* 131–133). B'hekk il-kittieb Malti għandu juża l-kelma Maltija kull fejn jista' u ma jiddejjaqx jissellef kelma barranija meta ma jsibx dik li jrid fil-lingwa tiegħu. Friggieri jgħid li Vassallo kien "l-ewwel wieħed li fittex li jorqom u li jadotta l-lingwaġġ Semitiku skont il-liġijiet tradizzjonali tal-lingwa poetika Taljana" (133). Kien hu li ried juża l-metrika tradizzjonali Taljana għal kliem u strutturi Semitiċi u Romanzi (Friggieri 134). Permezz tal-poeżija tiegħu Vassallo ta xejra ġdida lill-poeżija Maltija li bil-mod il-mod bdiet tuża t-tradizzjoni Taljana.

Mat-tradizzjoni Taljana fil-kitba daħal ukoll is-sens ta' Nazzjonaliżmu. It-tiftix tal-identità kien il-qofol tal-moviment Romantiku Ewropew. Permezz tar-Romantiċiżmu l-bniedem sar

ċittadin ta' nazzjon li jiddistingwi ruħu min-nazzjonijiet l-oħra permezz tal-ilsien, l-istorja, it-twemmin u l-kultura (Friggieri 142). In-Nazzjonaliżmu, mibdi fl-Italja u aktar tard żviluppat f'Malta, wassal biex il-Maltin jibdew jiġġieldu għall-identità tagħhom. Dan kellu jwassal għal pajjiż ħieles wara snin twal ta' kolonjaliżmu.

Bħalma t-Taljani ġġieldu biex pajjiżhom jinħeles, hekk għamlu l-Maltin permezz ta' ċaqliq fil-politika, kitbiet letterarji u oħrajn fil-gazzetti minn eżiljati Taljani li sabu ruħhom f'Malta. Ġan Anton Vassallo xerred ħafna n-Nazzjonaliżmu f'Malta permezz ta' poeżiji mnebbħa minn Malta maħkuma mill-barrani. Fl-istess waqt dan is-sentiment patrijottiku tiegħu wasslu biex jibda jikteb bil-Malti wara snin twal jikteb bit-Taljan.

Dan kollu jilħaq il-qofol tiegħu f'Dun Karm li għex fi żmien meta Malta kienet qiegħda tiġġieled għall-kostituzzjoni tagħha. Permezz tax-xogħlijiet poetiċi tiegħu wassal għand il-poplu xeni mill-isbaħ ta' Malta f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' natura, kultura, storja u aktar. Xogħlijietu jistgħu jiġu mifhuma aħjar fid-dawl ta' persunaġġ li sa minn ċkunitu trawwem f'ambjent Taljan u li għex f'kultura li bdiet tħaddan il-kunċett ta' x'inhu nazzjon. Kulma jgħid jixhed li kien jaf sew ir-Romantiċiżmu tant li rnexxielu jwassal lix-xbieha ta' Malta daqs l-aqwa kittieba tar-Romantiċiżmu patrijottiku fl-Ewropa. Huwa wettaq dan kemm b'xogħlijiet poetiċi kif ukoll bil-proża.

Waqt li hu mnebbaħ minn dak kollu li jagħmel lil Malta nazzjon, jitkellem dwar l-ilsien Malti, karatteristika li ebda pajjiż ieħor ma jista' jkollu għax hu tal-Maltin biss. Kull ilsien għandu l-ħajja tiegħu li hi parti mill-ħajja tan-nazzjon li jinsab fih ("Il-

Lsien Malti: Fir-Rebbiegħa?...” 3). Dawn iż-żewġ ħajjiet jgħixu id f’id flimkien kull waqt li l-poplu jgħaddi minnu, “l-ilsien u n-nazzjonalità ma jinfirdu qatt” (“Barranin f’Pajjiżhom” 54).

***Ortografija u Alfabett tal-Malti***

Wieħed mill-għanijiet tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kien li l-ilsien Malti jkollu ortografija waħda. Biex isir dan kien hemm il-ħtieġa li l-ewwel jitħejja alfabett li jixraq lill-ħsejjes kollha tal-lingwa Maltija. Fuq dan l-alfabett kellha mbagħad tinbena l-ortografija.

L-editorjal “L-Ilsien Malti: Ortografija Waħda Meħtieġa bħall-Ħobż” jitkellem dwar in-nuqqas li kellha l-kitba Maltija. Dan in-nuqqas ma kienx qiegħed jgħin biex il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-kittieba jkunu miktuba kif jixraq. Għall-kuntrarju, kien qiegħed inaqqas il-ġmiel mill-ħsibijiet tagħhom. Isemmi kittieba li jaqilbu għall-Malti kotba mill-Iskrittura iżda ma jaqblux bejniethom fl-ortografija (34). Xi drabi l-ortografija ta’ kittieb wieħed kienet tvarja minn paġna għal oħra. Tant jemmen li l-ortografija kienet ta’ bżonn daqs il-ħobż li jgħid li l-kitba Maltija qatt ma tista’ tieħu r-ruħ jekk mhux se tinkiteb bl-istess ortografija minn kulħadd: “Sakemm il-Malti ma jinkitibx minn kulħadd għamla waħda, ftit tista’ tfejjed il-kitba Maltija” (“Il-Lsien Malti: Ortografija Waħda Meħtieġa bħall-Ħobż” 35).

Meta bdiet toħroġ ir-rivista *Il-Malti* f’Marzu 1925, Ġużè Muscat Azzopardi qal: “Il-ħsieb tagħna hu biss li nxerrdu dejjem iżjed il-qari tajjeb Malti, għax hi għarukaża kbira illi lsienna, imfaħħar minn kittieba tal-Italja, ta’ Franza, tal-Ingilterra u tal-Ġermanja, għadna ma nafux niktbuh tajjeb u b’alfabett wieħed” (“Wara Disa’ Snin” 4). L-alfabett kellu jkun wieħed faċli iżda b’saħħtu mingħajr

ebda element barrani li jgħin biex jitkisser ftit ftit meta jgħaddu s-snin ("Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" 35). Ladarba l-alfabett kien lest, l-Għaqda setgħet taħdem fuq l-ortografija. L-għan ta' dawk li ffurmaw l-ortografija kien li tinħoloq ortografija waħda li "twieġeb sewwa għas-sura tal-lsien Malti, li hu Semitiku, u f'ħin wieħed għax-xejriet li dan l-ilsien ħa fid-drawwiet tal-ġens Malti li hu Ewropew" ("L-Ortografija Tagħna" 57). Fl-istess waqt kellha tkun ħafifa kemm jista' jkun biex ma jsibuhiex diffiċli t-tfal iż-żgħar li qatt ma jkunu tgħallmu ortografija oħra.

Dun Karm u sħabu tal-Għaqda kienu konxji li kien hemm min kien qiegħed jikkritika x-xogħol tagħhom. Fl-editorjal ta' Settembru 1938 jgħid li qraw ħafna kliem iebes dwar l-ortografija tagħhom. Saħansitra kien hemm min qal li mhix tkun ta' ġid għall-Malti. Imbagħad kien hemm dawk li kienu tal-fehma li l-ittri 'k', 'q', 'w' u dawk bit-tikek kienu qegħdin ifixklu lil dawk li ma jafux lingwi oħra għajr il-Malti, u lill-istudenti, għax l-ortografija ma kinitx taqbel ma' dik Taljana jew Ingliża u allura kien aktar faċli għalihom li jitħawdu ("Raġuni, Mhux Ġlied u Tgħajjir" 61–62).

Kien hemm dawk li xtaqu li jidher aktar l-element Semitiku kemm fl-ortografija kif ukoll fl-alfabett. Min-naħa l-oħra oħrajn xtaqu li jinbidlu xi ittri biex jonqos l-element Semitiku u jidher aktar il-karattru Ewropew. Madankollu f'għajnejn l-Għaqda l-ortografija kienet: "taqdi tajjeb biżżejjed il-jedd tal-ilsien fis-sura tiegħu Semitika, taqdi wkoll lill-ġens Malti fix-xejra Ewropea li hu ħa matul bosta sekli fit-tlissin tal-kelma Maltija" ("L-Ortografija Tagħna" 58). L-istess fehma kellha dwar l-alfabett minkejja li wħud ħaddnu fehmiet iebsa dwaru: "hu l-aħjar, l-isbaħ u l-eħfef li qatt tfassal għall-ilsien tagħna" ("Għadna Mexjin" 98).

Sa mill-bidu tagħha *Il-Malti* bdiet tinkiteb bl-alfabett u bl-ortografija tal-Għaqda biex tħajjar lil kittieba żgħażagħ jiktbu kitba b'Malti xieraq. Barra minn hekk bdew jidhru bosta kotba miktubin bl-istess alfabett u ortografija. Dun Karm jistqarr li ma kienx jaqbel li jitwarrbu fil-ġenb dawn il-kotba kollha minħabba l-irqaqat żgħar li jitkellmu dwarhom il-kritiċi. Għalkemm l-Għaqda kienet lesta biex tisma' kull ġudizzju, dejjem emmnet li f'sitwazzjonijiet bħal dawn "jirbaħ dejjem il-għaqal u d-dehen imwieżen fis-sewwa mill-imħabba tal-pajjiż fil-ġieħ u fil-ħtiġiet tiegħu" ("L-Ortografija Tagħna" 59).

Għall-poeta ma kienx biżżejjed li jkun jaf tajjeb ħsibijietu imma kien importanti li jkun jaf kif se jqegħedhom fi kliem imbagħad skont il-grammatika. Għalhekk l-għan tal-Għaqda kompla jitwettaq meta fuq l-alfabett inbniet ukoll il-grammatika ("Wara Għaxar Snin" 105). Sodisfazzjon ieħor kien li fl-iskejjel elementari tal-Gvern ingħażel l-alfabett għall-kitba tal-Malti. Il-Gvern ħejja wkoll kotba miktuba bl-istess ortografija sabiex "iwieġbu għall-moħħ u għall-qalb tat-tfal" ("Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" 38). Dan kollu għen biex jitwettaq għan ieħor: li jinxterdu qalb il-poplu Malti kemm jista' jkun kitbiet u xogħlijiet letterarji miktuba b'Malti fejjiedi. Flimkien ma' sħabu, Dun Karm ittama li r-rabta li kienet inħolqot bejn l-Għaqda u l-alfabett tibqa' tissaħħaħ tul is-snin sakemm l-ilsien Malti jkun beda jinkiteb kollu bl-alfabett tagħha ("Wara Għaxar Snin" 106).

### *L-Imħabba lejn l-Ilsien Malti*

Fl-editorjal "Inħobbu l-Lsien Malti" ta' Diċembru 1931 huwa jiddefinixxi lill-imħabba bħala "għamil, ħidma, mhux kliem" (101). Drabi oħra jgħid li hi "dik id-dija li ssebbaħ; dak il-muftieħ li jaqfel u jiftaħ; dik il-ħajta tad-deheb illi torbot u tħoll."

Kull fejn hemm l-imħabba hemm is-sabiħ għax "l-imħabba bħax-xemx – tiddi u ssaħħan u ssebbaħ kull ma tmiss bid-dija tagħha" ("L-Imħabba, Dik Tħoll u Torbot" 3–4). Għadd ta' editorjali jitkellmu fuq l-imħabba li għandu jkollu kull ċittadin Malti lejn ilsien art twelidu. Wieħed ma jistax ma jħobbx l-ilsien li tkellem bih sa minn ċkunitu. Aktar minn hekk, kien l-ilsien Malti li nstema' ħiereġ minn fomm dik li ġabitu fid-dinja. Din il-konvinzjoni tiftiehem aħjar fi kwadru fejn l-omm hi l-figura ċentrali. Fil-poeżija u fil-proża t-tema tal-maternità tidher kemm f'forma bijoloġika kif ukoll f'forma metaforika. Fl-editorjal ta' Marzu 1936 l-omm tidher bħala dik li tagħti l-ħajja, "għax lilu smajna l-ewwel darba mill-fomm ta' dik il-mara li aħna ħabbejna l-iżjed, ta' ommna" ("L-Imħabba, Dik Tħoll u Torbot" 4). F'"Għaliex Ma Jitgħallmux il-Malti" wkoll jagħmel referenza diretta għall-omm bijoloġika, "l-ilsien li rdajt ma' ħalib ommok" (66). Bħalma jagħmel dejjem, huwa jirreferi għal dik il-mara li tgħaddi t-tradizzjoni lil uliedha u li permezz tagħha l-ilsien Malti jibqa' ħaj minn ġenerazzjoni għal oħra. Dan hu aspett li jidher tant tajjeb fil-poeżiji tiegħu, bħal f'"Għaliex? – Jedd il-Lsien Malti":

> Għaliex tarmih il-lsien li tatek ommok, u
> titlef għaqlek wara lsien barrani?
> Maltija kienet l-ewwel kelma f'fommok, u
> bil-Malti tkellimt tifel daħkani.
>
> (vv. 1–4)

Fix-xogħlijiet poetiċi t-tema tal-maternità tidher f'forma metaforika għal aktar minn darba. Kif jagħmel fil-poeżija patrijottika, l-"omm" fl-"Innu Malti" tirrappreżenta lil Malta, il-patrija, aspett mislut mill-poeżija Risorġimentali Taljana. Hekk

jidher fil-frażi "l-omm li tatna isimha," frażi mtennija kemm-il darba f'diversi poeżiji tiegħu, bħal f'"Lil Malta" (1939):

> Iżda daqsek lil ħadd, o Malta tiegħi,
> Għax int biss ommi, int tajtni l-isem,
> U għadmek għadmi u demmek jiġri miegħi.
>
> (vv. 9–11)

L-imħabba lejn l-ilsien Malti għandha tkun ukoll għax permezz tiegħu l-Maltin jitkellmu bejniethom, ifissru dak li għaddew minnu missirijiethom u dak li qiegħed jiġri madwarhom fid-dinja. Hu l-ilsien li "jasal waħdu fil-moħħ u fil-qalb ta' kull min jisimgħu" ("L-Imħabba, Dik Tħoll u Torbot" 4). Bih jiġu murija l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tal-bniedem ("Inħobbu 'l-Ilsien Malti" 4). Huwa jtenni:

> U kiber miegħek dak l-ilsien ewlieni,
> u ġmielu niseġ mal-ġrajjiet ta' ħajtek:
> bih fissirt qalbek meta sfajtli hieni,
> bih fissirt għommtok meta mbikki rajtek.
>
> ("Għaliex – Jedd il-Lsien Malti" vv. 4–8)

Il-Maltin li jħobbu l-ilsien Malti huma maqsumin f'żewġ kategoriji, il-kittieba u l-qarrejja ("Inħobbu l-Lsien Malti" 102). F'dan l-editorjal jindirizza l-ewwel lill-kittieba. Lil dawn jagħtihom erba' għodod importanti biex iħobbu dejjem aktar l-ilsien tagħhom. L-ewwel nett għandhom dejjem iħaddmu l-lingwa għax, jekk le, tissaddad u tmur lura. Għandhom dejjem isaffuha minn kliem barrani li jidħol fil-vokabularju bla bżonn u jekk kelma barranija tkun ta' ħtieġa għandha dejjem tingħata bixra Maltija mingħajr ma wieħed jinduna li hi barranija. Fit-

tielet suġġeriment jitkellem dwar l-importanza li jagħnu dejjem lil-lingwa billi jitħaddem il-kliem kollu li jinsab fl-ilsien u mhux biss għażla żgħira. B'hekk jonqos il-periklu li jintilef il-kliem. Fl-istess waqt m'għandhomx jibżgħu milli jidħol kliem ġdid iżda m'għandux jiġi msellef kliem barrani għal xejn b'xejn, "tissellfux b'għajnejkom magħluqa" (102). Fuq kollox għandhom dejjem jorqmu l-lingwa "mill-kliem fieragħ." Filwaqt li jirreferi għall-poeta Romantiku Keats jgħidilhom biex isawru kliem b'vokali u b'konsonanti li jdoqqu ħelu għall-widna għax "is-sabiħ jingħoġob u jinħabb" (102).

Lill-qarrejja wkoll jgħidilhom biex iħobbu l-ilsien Malti. Biex jagħmlu dan għandhom jaqraw kotba miktubin b'Malti tajjeb. Il-qari m'għandux isir biss għall-gost iżda wkoll biex il-qarrej jitgħallem. B'hekk biss ikun jista' jagħraf il-potenzjal li għandha l-lingwa Maltija. Ladarba wieħed ikun jaf x'kotba għandu jaqra għandu jħajjar lil nies oħra biex jaqraw kotba tajbin, u jekk dawn ma jafux jaqraw tkun ħaġa sabiħa jekk hu stess jaqra lil ħaddieħor bil-fomm. Fi kliem ieħor, "il-lsien tiegħu kulħadd jista' jħobbu iżjed, għaliex dejjem tista' ssib fih x'jiġbdek, xi jħajrek, x'jhennik" (102–103). Ladarba l-ilsien hu ħaj dejjem fih x'titgħallem, kif jgħid Niccolò Tommaseo, kittieb Taljan li għalkemm qatta' ħajtu mal-kotba dejjem fittex kif jista' jkun jaf lill-ilsien tiegħu aħjar.

Wara li fl-editorjal ta' Diċembru 1931 jindirizza lil dawk li jħobbu l-ilsien Malti, l-editorjal ta' Marzu 1932, li jġib l-istess isem, jindirizza lil dawk li ma jħobbuhx. Kull min ma jħobbx xi ħaġa għandu raġuni għaliex jagħmel dan. Skontu ebda Malti ma jista' jgħid li ma jafx bil-lingwa Maltija għax hi l-lingwa li trabba fiha u tkellem biha. Mill-banda l-oħra dawk li jgħidu li ma jafux sew il-Malti, x'inhu u x'jiswa, għandhom l-ewwel ifittxu li

jagħrfu x'inhu, u mbagħad "la tħobbuhx, jekk ikollkom il-ħila" ("Inħobbu 'l-Ilsien Malti" 3). Huwa jisħaq li kull Malti għandu d-dmir li jkun jaf sew il-lingwa li jitkellem biha. L-ewwel nett, jekk wieħed iħobb lil pajjiżu ma jistax ma jħobbx l-ilsien li jħaddan il-pajjiż stess. Ladarba hu l-ilsien li tgħallem minn fomm ommu aktar għandu jgħożżu, "għajb għalih jekk ma jgħożżhomx u ma jerfagħhomx f'qalbu" (4). Fuq kollox, jekk dak li jkun jirrispetta lilu nnifsu, għandu jfittex li jkun jaf jikteb u jitkellem b'Malti tajjeb biex ma jħossux inferjuri għal dawk li jafu. Ma hix ħaġa xierqa li wieħed jgħid li ma jħobbx u ma jafx xi ħaġa meta ħaqqha tkun maħbuba minkejja li għandu d-dmir li jagħrafha tajjeb.

Dawk li jafu l-Malti iżda jgħidu li ma jħobbuhx ma jkunux qegħdin jgħidu l-verità "għaliex kull min wasal għarfu, l-ilsien Malti, ħabbu u ħabbu tassew, għaliex sab fih xi jħobb" (4). Saħansitra jazzarda jsejjaħlu "dnub" il-fatt li wieħed jgħid li ma jħobbx l-ilsien Malti mingħajr ma jfittex li jsir jafu sewwa ("Illum Ma Għandhomx Skuża" 4). Drabi oħra jgħid li dak il-bniedem li jmaqdar ilsien li lanqas biss jaf ħaqqu jissejjaħ kif sejjaħlu Foscolo, "ma għandux mistħija" ("Mistħija Żejda u Mistħija Nieqsa" 3). Għalkemm jiskuża lil dawk li forsi ma ħabbux l-ilsien Malti għax ma kellhomx kotba x'jaqraw b'Malti tajjeb, iżid li issa dawn "ma għandhomx skuża" għax il-Malti qiegħed juri x'jaf joffri bħal lingwi oħra ("Illum Ma Għandhomx Skuża" 4).

Fi "Bdew Jifhmu" jistqarr li l-kelma Maltija tista' tiswa daqskemm il-kelma Taljana, Ingliża jew Franċiża tiswa lill-Italja, lill-Ingilterra jew lil Franza (36). Għalkemm forsi ma tiswiex fil-qasam tal-kummerċ, żgur li tiswa biex jiġu mgħallma l-valuri morali lit-tfal u liż-żgħażagħ. Wieħed ma jistax jgħaddi dan lil uliedu jekk mhux bil-kelma li huma jafu l-aktar, bil-kelma Maltija. Biex juru

x'jafu, dawk li ma jemmnux fis-setgħa li għandha l-lingwa Maltija, jitkellmu b'lingwi oħrajn li tgħallmu "mhux f'ħoġor ommhom, iżda fuq il-bankijiet tal-iskola, inkella f'xi qagħda qasira barra minn Malta" ("Barranin f'Pajjiżhom" 53).

Lil dawn isejħilhom "barranin f'pajjiżhom" għax jitkellmu b'lingwa barranija f'pajjiżhom stess u ma jafux jużaw tajjeb dak li jiddistingwihom min-nazzjonijiet l-oħra. Ladarba l-ħajja tal-ilsien u l-ħajja ta' nazzjon jimxu id f'id, l-ilsien ma joqgħod tajjeb imkien ħlief f'pajjiżu. "L-ilsien isir l-għelma tan-nazzjon" u mhuwiex xieraq li n-nazzjon ikollu jfisser ħsibijietu b'kelmet ħaddieħor ("Barranin f'Pajjiżhom" 54). Dan il-ħsieb hu rifless ukoll fil-poeżija "Għaliex? – Jedd il-Lsien Malti" meta jirreferi għal dak il-Malti li filwaqt li jitkellem b'lingwi oħra jkeċċi l-ilsien tiegħu:

> Għaliex immela tiċħad, Malti ħija,
> Lil dan l-ilsien li bih int Malti sewwa?
> Ħobb jekk jiswewlek, l-ilsna barranija
> Iżda le tbarri lil min hu ta' ġewwa.
>
> (vv. 9–12)

Il-ħtija ta' dawk li ma jħobbux l-ilsien Malti jew jaħsbu li ma jiswa għal xejn dejjem jagħtiha lilhom stess għax qatt ma jkunu fittxu li jagħrfu lsienhom aħjar. Ladarba l-qalb tħobb lil min taf, ebda bniedem ma jista' jħobb lil ilsien art twelidu jekk ma jafux ("Għaliex Ma Jitgħallmux il-Malti" 66). Huwa jagħti l-ħtija wkoll lill-istudenti li jmorru ħażin fl-eżami tal-Malti u lill-għalliema tal-Malti msejħa "surmastrijiet" ("Eżamijiet" 53–54). Fil-fehma tiegħu hemm tliet tipi ta' studenti. Hemm dawk li ma jinteressahomx kif imorru fl-eżamijiet; dawk li ma jistudjawx il-Malti għax mhux ta' importanza għalihom; u dawk li ma jaqrawx bil-Malti. Għalkemm

dawn l-istudenti kollha jingħataw tort, l-ikbar tort hu ta' min jgħallimhom. Skontu, l-għalliema ma jafux sew il-Malti u allura wieħed ma jistax jistenna li l-istudenti jmorru tajjeb fl-eżami. Hemm dawk li jafu l-Malti ta' fuq fuq u dawk li ma jagħtux importanza lill-Malti fil-klassi daqskemm jagħtu lis-suġġetti l-oħra avolja l-Malti hu meħtieġ daqs kwalunkwe suġġett ieħor. Fil-fehma tiegħu, għalliem tajjeb għandu jħaddan għarfien dwar il-grammatika, il-letteratura Maltija u l-filoloġija tal-ilsien Malti ("Eżamijiet" 54).

***Il-Kotba u l-Qari bil-Malti***

Dun Karm ħares lejn il-qagħda tal-lingwa Maltija minn kull angolu. Permezz tal-editorjali spjega l-ħsibijiet tiegħu bl-aktar mod ċar dwar kif għandha tkun miktuba, kif għandhom iħarsu lejha l-Maltin u x'kotba għandhom jinqraw u jinkitbu bil-Malti. Fl-editorjal ta' Settembru 1935 jikkwota lil Ġan Anton Vassallo biex jisħaq fuq kemm il-Maltin għandhom jaqraw bil-Malti bħalma kull poplu fid-dinja jaqra bil-lingwa tiegħu ("Kelma Għaqlija Fuq il-Lsien Malti" 73). Deċiżjoni għaqlija kienet dik li l-qari bil-Malti jidħol fl-iskejjel tal-Gvern: "il-qari Malti, immela, fl-iskejjel tal-Gvern kien ġid għal dak li hu tagħlim tal-poplu" (73). Hekk it-tfal kollha, anki t-tfal tan-nies tas-snajja' u t-tfal mill-irħula, setgħu jitgħallmu jaqraw tajjeb bil-Malti. Madankollu ħafna nies, speċjalment dawk li jafu bl-Ingliż u bit-Taljan, kienu jmaqdru l-qari tal-kotba bil-Malti. Fil-fehma tiegħu dawn huma nies b'nuqqas ta' "għaqal" u ta' "mħabba" lejn il-poplu (74).

Jekk kien importanti li jsir il-qari bil-Malti, kien importanti wkoll li jinkitbu kotba tajbin bil-Malti. Minkejja li kien hawn ħafna kotba jiġru fl-idejn, il-Malti tagħhom ma kien jiswa xejn. Jirreferi għal żewġ tipi ta' kotba, dawk li jintużaw għat-tagħlim kif ukoll dawk li jintużaw għall-mogħdija taż-żmien. Tal-ewwel sura

jinkludu aktar taħbil il-moħħ mill-kotba tal-mogħdija taż-żmien għax dawn ikunu mexxejja u ħfief. Minn dawn il-kotba kien hawn għadd mhux ħażin iżda l-qarrejja aktar ifittxu l-kotba ta' bla taħbil il-moħħ, bħal rumanzi u novelli. Fosthom jissemmew *Ineż Farruġ* u *Nazju Ellul*, iżda dawn u oħrajn bħalhom ma kont issibhom imkien. Fi kliemu, "il-ġuħ u l-għatx" għall-kotba kien kbir ("Għal-Letteratura Maltija" 74).

Fost ir-referenzi li jagħmel biex jinkitbu kotba ġodda ta' livell, isemmi xi wħud li kienu nieqsa fil-lingwa Maltija. Fl-editorjal ta' Settembru 1936 isemmi d-dizzjunarju bil-Malti li kien għadu qatt ma sar. Bil-kalma kollha jfiehem lill-qarrejja li għalkemm dizzjunarju bil-Malti ma kienx għadu beda jeżisti, it-triq kienet bdiet imma żgur li ried il-ħin tiegħu għax "dizzjunarju tajjeb qatt ma sar bil-għaġla" ("Dizzjunarju Malti" 72).

Minkejja li kienu ħafna dawk iż-żgħażagħ li bdew jiktbu proża u poeżija bil-Malti, kienet tinħass il-ħtieġa ta' dizzjunarju tas-sinonimi Maltin. Dan seta' jgħinhom isibu aħjar il-kelma li jkunu jeħtieġu fil-kitba u b'hekk ikunu jistgħu jfissru l-ħsibijiet tagħhom bir-reqqa. Fl-istess ħin ikun ta' għajnuna biex jitgħallmu kliem ġdid li forsi qatt ma jkun instema' qabel. Skontu, ma hawnx letteratura fid-dinja li m'għandhiex dan id-dizzjunarju. Għall-kuntrarju tad-dizzjunarju bil-Malti, dan kien wieħed li seta' jsir. Hu jsemmi x-xogħol ta' Niccolò Tommaseo jew ta' S.P. Zecchini bħala mudell li fuqu seta' jitfassal id-dizzjunarju tas-sinonimi Maltin ("Dizzjunarju tas-Sinonmi Maltin" 4).

Tissemma wkoll il-prosodija, jew sengħa tal-versi, bil-Malti, indirizzat lil dawk li jinteressaw ruħhom fil-poeżija bil-Malti ("Prosodija għall-Kittieba tal-Versi Maltin" 33–34). Fl-editorjal

"Jonqos Ktieb Ieħor" isemmi ktieb ieħor, 'Kif għandek tikteb l-ittri tiegħek' bil-għan li dawk li ma jafux lingwa oħra għajr il-Malti jkunu jistgħu jiktbu lil qrabathom li qegħdin 'il bogħod minnhom. Dan kellu jkun fih "mirja ta' ittri għal kull wieħed u waħda minnhom, u għal kull ħabta u għal kull ħtieġa ta' ħajjithom" ("Jonqos Ktieb Ieħor" 94). Bħal kull kitba oħra l-ittri għandhom jiġu miktuba kif suppost. Minkejja li ittra hi kitba ċkejkna fiha jkun hemm miġbura l-ikbar emozzjonijiet tal-kittieb, "l-egħżeż siltiet tal-ħajja" (94). Hija ħasra kbira meta l-messaġġ fl-ittra jinbidel minħabba rqaqat fil-kitba, bil-konsegwenza li min jirċeviha minflok ferħ jirċievi dwejjaq.

Kienet xewqa tal-Għaqda li kotba b'lingwi barranin jinqalbu għall-Malti bħalma jiġri f'letteraturi oħrajn. Kien għalhekk li juri din ix-xewqa fl-editorjal "Il-Lsien Malti u Ilsna Oħra" billi jħeġġeġ poeti u prożaturi żgħar li jafu xi lingwi barranin sabiex jaqilbu għall-Malti xi poeżiji jew siltiet ta' proża b'lingwi barranin (90). B'hekk l-ilsien Malti seta' jesprimi ħsibijiet u ġrajjiet oħra li mhumiex Maltin.

## L-Awtobijografija

Ir-rabta bejn il-poeta u l-bniedem medju hi meqjusa fit-taqsimiet kollha bħala l-qofol tal-proża ta' Dun Karm essenzjalment Romantiku anki fil-proża. Il-kitba tat-tifkiriet bħala rakkont awtobijografiku turi kif il-forom letterarji varji tal-awtur għandhom dejjem motiv tar-rabta sostanzjali bejn il-poeta u l-bniedem.

F'"Tifkiriet ta' Tfuliti u Qabel" jirrakkonta kif jaħseb li twieldet fih l-imħabba għall-poeżija, kundizzjoni marbuta ma' ommu għax mingħandha sema' l-ewwel versi, "Jiena kont nitgħaxxaq nisma' lil ommi tgħannili n-"Ninni Ninni" biex traqqadni, u għalhekk l-effett kien ikun aktarx bil-maqlub." Hekk jgħid ukoll f'"Taħdita Żgħira fuq il-Poeżija Maltija lit-Tfajliet tas-Secondary School Sliema": "... kienet il-għanja li kienet tgħannili ommi meta kont għadni tarbija." Dan kollu jiftiehem aħjar fid-dawl tal-bosta kitbiet li fihom itenni l-ħsieb li "Poeta titwieled, ma ssirx." Il-ġibda lejn il-versi mitwielda fih sa mill-bidu, wasslitu biex jisħaq fuq ir-rabta naturali li hemm bejn il-poeżija u l-mużika, għax il-poeżija mhix il-ħsieb biss imma l-ħsieb ippreżentat f'ħoss. Kien għalhekk li għażel li jressaq il-poeżija lejn il-mużika, kunċett li għandu l-għeruq tiegħu fit-tradizzjoni poetika kollha ta' kull żmien. Ezra Pound (1885–1972) jikkwota lil Dante, "Poetry is a composition of words set to music" u jaqbel ma' Eliot meta jżid li l-mużika u l-kelma jew il-ħsieb, u l-bqija, għandhom rabta dejjiema b'tali mod li waħda ma tgħaddix mingħajr l-oħra (Preston 129).

Minkejja d-differenza bejn il-kultura Mediterranja u l-kultura Amerikana, l-istess prinċipju jgħodd għal Malta għax il-ġibda naturali għall-mużika hi waħda. Għad li din il-ġibda tvarja minn kultura għal oħra, l-għan hu dejjem wieħed; il-poeżija tipproduċi versi melodjużi.

F'dan l-isfond kulturali u awtobijografiku Dun Karm fittex li jippreżenta poeżiji li setgħu jiġu mużikati biex l-emozzjonijiet tiegħu jiġu mfissra wkoll bil-mużika. Huwa wasal għal dan billi għażel il-karatteristiċi tal-għana popolari Malti u poġġiehom fil-qalba tal-poeżija Maltija li ssarrfet f'għadd ta' innijiet popolari. Dan il-motiv hu spjegat minnu stess f'"Għaliex il-Versi tat-Tmienja fil-Poeżija Popolari." Il-punt tat-tluq huma l-maskarati tal-karnival f'Malta, kull wieħed b'għuda f'idu "jagħmlu ċirku, u mad-daqq tal-orkestra jibdew iduru nofshom mix-xellug għal-lemin u nofshom bil-maqlub; u kull xħin tnejn minnhom jgħaddu biswit xulxin, iħabbtu tliet darbiet għuda ma' għuda, imbagħad pass u jgħaddu għal sieħeb ieħor: u hekk il-ħaġa tibqa' sejra qatigħ; u intom smajtu l-ħoss tal-għudiet sejjer hekk: ċlikk, ċlikk, ċlikk ... ċlikk, ċlikk, ċlikk ... ċlikk, ċlikk, ċlikk, eċċ." Ir-ritmu mqassam tlieta tlieta tal-maskarati huwa diwi tal-vers tat-tmienja li skontu hu "l-vers popolari par excellence." Dan hu l-vers tal-għana tal-poplu, jiġifieri tal-poeżija tal-għannejja, u tal-poeżija popolari li tirreferi għall-poeżija miktuba "tal-għannejja li qatt ma għarfu regula ta' poeżija u għannew kif l-għanja ħarġet minn qalbhom" u ta' poeti bħal Ġan Anton Vassallo li meta ħassu l-ħtieġa li jiktbu, kitbu bl-ottonarju ("Għaliex il-Versi tat-Tmienja fil-Poeżija Popolari" 107–110). L-aċċentwazzjoni fuq kull tliet sillabi tinsab "fil-qiegħ tas-sur tal-bniedem" għax hi "ħaġa li tħossha" u tinsab "fil-qiegħ tal-għana popolari tal-ġnus kollha." F'"Taħdita fuq il-Poeżija Maltija" jfisser il-vers tat-tmienja bħala

tagħqida ta' "żewġ gruppi ta' erba' sillabi, bl-aċċent tal-leħen fuq it-tielet sillaba ta' kull grupp" u jgħid li feraħ meta induna li "kien il-poplu Malti l-poeta li qabel Carducci niseġ u ħadem hekk il-versi tat-tmienja" (4–5). Hu l-ottonarju li fisser l-emozzjonijiet, il-poeżija u l-għana tal-poplu Malti, bħalma "l-maskarati jħossu li ma għandhomx jgħaddu minn wieħed għal ieħor qabel żewġ taħbitiet ta' tlieta u nifs wara kull waħda, hekk il-għannej u l-poeta li riedu jmorru max-xejra ta' qalbhom, għażlu bla ma ħasbu u bla ma għarfu l-għaliex, il-vers tat-tmienja, li fih sewwa sewwa żewġ għaqdiet ta' tliet sillabi 'l waħda, b'sillaba tal-mistrieħ wara kull għaqda" ("Għaliex il-Versi tat-Tmienja fil-Poeżija Popolari" 111).

Fid-dawl ta' dan kollu s-silta awtobijografika titfa' dawl fuq bosta punti. L-ottonarju hu l-vers li huwa għażel mill-għana Malti biex jorqmu u permezz tiegħu jagħti sens letterarju lill-versi Maltin. Fl-istess waqt hu l-vers li jiġġustifika r-rabta li jara bejn ix-xejra naturali tar-ritmu u l-kunċett tal-"poeta nascitur." Xogħlijietu huma xhieda tal-fedeltà lejn dan il-vers meta jaqsam strofa ta' erba' versi fi tnejn, b'waqfa f'kull żewġ versi, kif ukoll xhieda tal-influwenza li ħalliet fuqu tfulitu.

## L-Omm Persunali

Id-deskrizzjoni li jagħti ta' ommu fit-taqsima "Tifkiriet ta' Tfuliti u Qabel" turi biċ-ċar kemm l-omm hi l-persunaġġ ċentrali tax-xogħlijiet tiegħu kollha. Minn meta mietet fl-1909, it-tifkira tagħha baqgħet tikber miegħu matul iż-żmien, u dejjem tirrifletti fażijiet persunali differenti. L-importanza li jattribwixxi lilha bħala mara perfetta twasslu biex jaraha bħala l-mudell tal-karatteristika ideali Maltija u bħala l-mudell morali: "Ġibu

quddiem għajnejkom mara qsajra, aktarx godlija imma kollha saħħa; wiċċ lewn il-qamħa, għajnejn żoroq fil-griż u xuxa sewda bħat-tut; bieżla fuq ruħha, dħulija; imbagħad miġbura, għaqlija kollha mħabba tad-dar minn fejn qatt ma ħarġet bil-ħsibijiet tagħha u Nisranija f'kollox; dik kienet ommi meta twelidt jiena" ("Awtobijografija" 7). Il-konsistenza fl-għażla lessikali u fix-xejriet fiżiċi twassal biex hi tieħu s-sura ta' figura raħlija, folkloristika, u ta' mara li hi wkoll mudell morali. L-għemil ġwejjed, bħall-kelma rżina ta' ommu ("Il-Kelma t'Ommi" v. 26), hija waħda mill-karatteristiċi li jsawru l-persunalità femminili f'"Xenqet ir-Raba'": "xuxthom mikxufa / Jew safra daqs id-deh'b, jew sewda tuta" (vv. 29–30), "ħarsithom berqa" (v. 31), "il-mixi rżin" (v. 34), "ġenbejhom jaqbżu", "sidirhom / Jiżfen mal-mixja" (vv. 34–36). L-istess motiv hu l-qofol ta' "Inħobbok" li fiha l-imħabba tidher bħala esperjenza li tisboq kollox u tikkonkludi s-sehem tal-ħars fiżiku (vv. 46–47). Il-kwalitajiet li jara f'ommu huma mislutin min-natura għaliex hi mara li trabbiet fil-kampanja u ħadmet fir-raba', kundizzjoni li dejjem twassal biex id-dehra tagħha tevoka x-xejriet tan-natura. "It-Tifla tar-Raba'" u "In-Nissieġa" huma mnebbħin mit-tfajla mimlija saħħa li taħdem fl-għelieqi waqt li "Il-Musbieħ tal-Mużew" issieħeb flimkien lis-sbuħija femminili u s-sbuħija tal-ambjent naturali. Fl-istess waqt hi n-natura nnifisha li tgħinnu jsib dak li hu dejjiemi, f'dan il-każ lil ommu, li minkejja li tinsab mejta tibqa' l-moħħ ta' wara kull kitba.

Fir-riferimenti li jagħmel għal ommu fl-"Awtobijografija" jitkellem dejjem dwar il-qima li kellu lejha: "lejn ommi kelli qima bla tarf", "jiena lil ommi kont inqimha fuq kollox" (4, 5 u 19). Hi dik il-mara li sa minn ċkunitu għallmitu t-triq tal-knisja u "b'liema ħlewwa kienet issejjaħli u tqegħedli idha fuq spallti u tgħidli: Karm, għada fittex li titqarben għaliex festa għażiża; ara

hemm ġew għandek it-tibdila, mur inħasel u biddel u mur qerr" ("Awtobijografija" 4 u 5). Kienet hi li għaddietlu d-drawwa li jitlob filgħodu, filgħaxija u f'nofsinhar ("Il-Wegħda" vv. 65-68). Fuq kollox ommu għaddietlu l-imħabba li hi s-"sigriet tal-ħajja, hi l-għajn tas-sliem u l-hena, hi s-sies tal-qawwa u tas-saħħa, tal-faraġ u tal-kuraġġ" (Ittra lil Ġużè Aquilina, 8 ta' Ottubru 1944). Jikber kemm jikber dejjem jibqa' fidil lejn dawn it-tagħlimiet li rawmet fih u għalhekk ir-relazzjoni ma' ommu ssaħħet aktar ma għadda ż-żmien, anki jekk kienet mejta. It-tjubija u l-qawwa tagħha kellhom ikunu ż-żewġ sisien li permezz tagħhom għaraf jikkumbatti l-ħajja u jasal għad-dawl fiżiku u spiritwali li kellu bżonn, speċjalment fiż-żmien tal-kriżi kbira tas-snin tletin meta mietet Ġannina Pisani, beda jaqleb "I Sepolcri" u spiċċa biex esprima l-qofol kollu f'"Il-Jien u Lil Hinn Minnu", okkażjoni ewlenija biex huwa jdur lejn ommu u jitlob l-għajnuna tagħha. Għalkemm mejta hija baqgħet il-mara ideali, l-għarfa, li kellha tmexxih għax bħalma kienet hi li nibbtet fih sens qawwi ta' reliġjożità, kellha tkun hi li tkompli ssegwih biex tgħinnu jimxi fil-valuri kollha, l-aktar fi żmien ta' kriżi fil-fidi. Ir-rabta dejjiema li jara bejn il-maternità u l-ħlewwa tiftiehem fid-dawl ta' kitbiet li jqabblu l-karatteristiċi tal-omm mal-ħlewwa, kif jgħid hu stess f'"Inti ma Tarġax" (1912), waqt li għalhekk jisħaq fuq il-permanenza tas-solitudni tiegħu:

Daħket fommok, kelmet sabrek
Għebu miegħek f'art l-imwiet;
Tal-imħabba, tal-mogħdrija
Qatt ma jarġgħu l-ħlewwiet.

(vv. 9–12)

Huma l-istess ħlewwiet li mbagħad jilħqu l-qofol tagħhom fil-metafora tal-art-omm fl-opra kollha.

L-influwenza li ħalliet fuqu ommu, l-aktar minn wara mewtha, tidher fil-ħakma tagħha fuqu. Din il-ħakma wasslet biex il-poeżija tiegħu ħadet xeħta awtobijografika li l-qofol tagħha jinsab fir-rabta assoluta bejn is-solitudni, il-memorja idealizzata tat-tfulija u l-fidi sħiħa f'Alla u fil-Madonna. Il-qima lejn l-omm u l-missier etern taf il-bidu tagħha fil-qari profond tal-Bibbja, li twasslu biex iqis lil ommu bħala l-persuna li għaddietlu r-reliġjożità qawwija li kellha tmexxih matul ħajtu. Il-firma tiegħu ta' 'Dun Karm' mill-1917 'il quddiem hi mnebbħa mill-isem li bih kienet issejjaħlu ommu, "Karm." Huwa ma sabhiex bi tqila biex imur kontra l-kurrent ta' żmienu meta kulħadd kien jikteb ismu bit-Taljan, kemm għax kien mixħut jaħdem favur l-ilsien Malti, kif ukoll għax ried jibqa' fidil lejn il-kultura li għaddietlu ommu.

F'dan il-kuntest l-imħabba lejn il-Madonna, b'mod speċjali l-Madonna tal-Karmnu, tidher tispikka f'xogħlijietu l-aktar bil-Malti mill-1912 'il quddiem. L-għażla fl-isem tidher bħala xi ħaġa li waslet għaliha ommu biss għax il-missier ma jissemma qatt f'dan il-ħsieb, kemm fl-"Awtobijografija" kif ukoll f'xogħlijiet oħra fejn jirreferi għal dan il-fatt. F'"Lill-Madonna tal-Karmnu – Talba" (1938), miktuba fl-aqwa żmien tal-mixja poetika tiegħu, ommu hi l-"mara tajba" (v. 1 u v. 9) li xtaqet li ssemmih għall-Madonna għax, kif jgħid f'dawn it-tifkiriet, hi kellha qima kbira lejn isimha. Fil-fehma tiegħu ommu ma setgħetx għażlet isem aħjar għax b'hekk nisslet fih l-imħabba lejn il-Madonna li kellha tmexxih tul ħajtu. Maħkum mis-solitudni, huwa jitlob lill-Madonna biex tieħu ħsieb ommu li tinsab fil-qabar, u tieħu ħsieb tiegħu wkoll. Huwa jtenni t-talba li għamlet ommu fi tfulitu: jekk

l-għawġ kien se jbiegħdu minnha, ikun aħjar jekk tieħdu ħdejha (vv. 1–8). F'dan id-dawl il-qima li kellu lejn il-Madonna u lejn ommu titqies bħala reċiproka għax l-imħabba lejn il-Madonna ma hix biss parti mir-reliġjożità profonda tiegħu imma wkoll qima lejn l-omm naturali.

Ir-referenzi għall-Madonna tal-Karmnu huma kotrana fl-ittri lil Karmen Mikallef Buħaġar. Xi drabi jgħidilha biex titlobha għalih u drabi oħrajn jixtieq lilha u lill-familja tagħha ħafna barkiet mingħand il-Madonna. Minħabba li ż-żewġ korrispondenti jġibu l-istess isem, il-qofol ta' dawn ir-referenzi jintlaħaq f'ittra bla data li bagħtilha f'Ottubru 1956: "Aħna nzertajna ta' isem wieħed u ta' qalb waħda." Huwa jixtieq li l-Madonna timliehom bil-grazzji matul Ottubru, ix-xahar tar-Rużarju. Fost il-kartolini u s-santi li kien jibagħtilha, li wħud minnhom huma miżmumin fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdina, hemm santa partikulari mibgħuta fit-18 ta' Mejju 1960. Fuq quddiem niżżel l-isem tal-Madonna u fuq wara kiteb hekk: "Din il-Madonna li żammet u li żżomm lil Malta tassew Maltija fir-ruħ u fil-ħajja." Tidher ċara r-rabta bejn il-Madonna u Malta li drabi oħra jirreferi għaliha bħala "Malta tal-Madonna" (Ittra lil Karmen Mikallef Buħaġar, 23 ta' Awwissu 1944). Hekk, ir-rabta loġika li jara bejn il-fidi u l-esperjenza persunali twasslu biex iwaħħad dejjem u f'kollox lit-tnejn.

# L-Ittri

L-epistolarju ta' Dun Karm huwa għamla ta' spjegazzjoni storika, bijografika, ta' dawk li huma l-ideat universali mfissra fil-poeżija. Bosta mill-ittri għandhom bħala l-qofol tagħhom waqtiet importanti fil-bijografija tiegħu. B'mod partikolari, uħud minn dawn l-ittri jirriflettu l-kriżi fiżika u eżistenzjali tas-snin tletin, imfissra fix-xogħol ewlieni tiegħu "Il-Jien u Lil Hinn Minnu", u mseddqa b'xogħlijiet sekondarji. Kemm il-kriżi eżistenzjali, kemm l-effett fiżiku li ħalliet din il-kriżi (dik li hu nnifsu jsejjaħ "newrastenija") huma prominenti fl-opra poetika tiegħu. Dan kollu huwa indikat mill-fatt li dawn l-ittri huma stqarrijiet magħmula liż-żewġ personaġġi prominenti fil-ħajja tiegħu, Karmen Mikallef Buħaġar u Ġużè Aquilina.

## Karmen Mikallef Buħaġar

L-ittri li kiteb lil Mikallef Buħaġar huma xhieda tar-rispett li matul is-snin 1940–1961 dejjem kiber bejn iż-żewġ korrispondenti. Minkejja x-xewqa kbira li żżur lil Malta hija ma laħqitx ġiet sakemm kien għadu ħaj l-awtur. Ir-riferimenti għal din ix-xewqa huma bil-bosta f'diversi ittri. Hu kien ta' sikwit jgħidilha li hekk kif tfiġġ il-paċi mill-gwerra kellha tiġi Malta sabiex flimkien ma' sħabu jagħmlulha "festa" ta' merħba (Ittra lil Karmen Mikallef Buħaġar, 18 ta' Mejju 1946). Saħansitra kien jispera li ma ddumx ma tiġi għall-album li kien qiegħed jimlielha bl-awtografi. Fl-ittra

tal-11 ta' Ottubru 1945 jidher ifarragħha mid-dwejjaq li kellha minħabba li ma setgħetx tiġi Malta filwaqt li jesprimi x-xewqa li jiltaqa' magħha hu wkoll: "u jien nistenna wkoll dak il-jum sabiħ li fih narak wiċċ imb wiċċ u nitkellem miegħek, mhux bil-karta, iżda minn fomm għal fomm."

Kważi f'kull ittra li jikteb lil Mikallef Buħaġar l-awtur jirringrazzjaha għal xi ħaġa li tkun bagħtitlu. Id-dati tat-18 ta' Mejju u tat-18 ta' Ottubru kienu ż-żewġ dati l-aktar għal qalbha. L-ewwel data tissimbolizza l-jum meta fl-1894 iċċelebra l-ewwel quddiesa. It-tieni waħda hi l-okkażjoni ta' għeluq sninu. Hi qatt ma naqset li tibgħatlu tifkira mżejna bl-isbaħ xewqat marbuta maż-żewġ dati: "ma tħallix waħda mill-ġranet tat-tifkiriet tiegħi ... bla ma tibgħat xi ittra sabiħa, xi ħelu u xi tifkira oħra" (Ittra lil Ivo Muscat Azzopardi, 16 ta' Lulju 1955). Fl-ittra tat-23 ta' Mejju 1954 jirrakkonta kif għeluq is-sittin sena saċerdot bagħtitlu xi santi sbieħ flimkien ma' kaxex tal-landa mimlijin ħelu, pakketti tal-lekumja, u xi tifkiriet ta' Kristu "b'souvenir de Betlehem et de la Grotte de la Nativité." F'okkażjonijiet bħal dawn u oħrajn kienet tibgħatlu t-telegrammi biex żgur il-ħsibijiet u x-xewqat tagħha jaslu fil-ħin. Kienu telegrammi li jesprimu l-qima lejn il-Madonna tal-Karmnu, lejn Malta u lejh. Huwa kien konxju ta' dan ir-rispett kbir li kellha lejh tant li jgħidilha "Minn kemm għandi qraba u ħbieb, ebda waħda u ebda wieħed ma jaħseb fija bħalma taħseb int" u għalih kienet "tifla tal-għaġeb" (Ittra lil Karmen Mikallef Buħaġar, 10 ta' Mejju 1954 u Ittra lil Ivo Muscat Azzopardi, 16 ta' Lulju 1955).

Fid-dawl ta' poeta-qassis li qiegħed jitkellem ma' tfajla permezz tal-ittri, huwa dejjem jidher jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu biex l-ittri qatt ma jiġu kkunsidrati bħala korrispondenza ta' mħabba

bejniethom. Dan il-fenomenu jista' jitfa' dawl fuq ir-raġuni għaliex l-ittri li kitbitlu hi ma jinstabu mkien. Fl-ittra tat-8 ta' Diċembru 1941, irid jimplika li r-relazzjoni tagħhom hi mibnija fuq distanza fiżika u emottiva minħabba li jafu lil xulxin mill-ittri li jiktbu bejniethom u mir-ritratt tiegħu li hi żżomm b'għożża, "Għalkemm inti tafni mill-kitba tiegħi, u mir-ritratt li inti b'qima safja żżomm quddiemek fuq il-pjanu, u jiena ma nafekx ħlief mill-kitba – fhimtni?". Huwa jidher bħala saċerdot li qiegħed ifittex li jegħleb kull suspett li jista' jitqanqal, kemm min-nies ta' żmienu u kemm minn dawk li wara mewtu għad iridu jaqraw dawn l-ittri. Skont Cardona kien diġà daq l-ilsien ħażin tan-nies meta kellu lil Ġannina Pisani tiegħu ħsiebu (*Dun Karm: Ħajtu u Ħidmietu* 127).

Is-sura ta' Mikallef Buħaġar fir-ritratt li rċieva hi tipika tar-ritratti tagħha. Il-kliem "Għalhekk dan ir-ritratt jibqa' miegħi u quddiemi bħala għelma ta' mħabba lejn Art Twelidna" jimplika li r-ritratt tagħha mhu xejn aktar għajr l-eżempju ċar ta' kif għandha tkun l-imħabba ta' min iħobb lil pajjiżu. Aktar 'il quddiem isaħħaħ dan il-ħsieb billi jgħidilha li f'għajnejh hi "ritratt ta' Malta fl-Eġittu" (Ittra lil Karmen Mikallef Buħaġar, 23 ta' Lulju 1955). Dan kollu jingħaqad mal-viżjoni ta' Karmen imqabbla ma' kif jara lit-tfajla tipika Maltija. Fiha kien jara eżempju ta' kif kellha tkun ix-xebba Maltija: "jiena rajt fik xebba Maltija kif għandha tkun u kif inħobb naraha jien" (Ittra bla data lil Karmen Mikallef Buħaġar, Awwissu 1945). Il-fatt li ż-żewġ korrispondenti qatt ma ltaqgħu jwassal biex b'xi mod il-viżjoni tagħha tiegħu l-istess xejriet li tingħata l-viżjoni tal-mara fl-opra kollha, fosthom il-Madonna, Malta, l-omm, il-mara u x-xbejba.

Fl-ewwel ittra li kitbilha (6 ta' Ġunju 1940) jistqarr li l-Maltin ma jħobbux lil pajjiżhom kif jixraq għax "ma jifhmux illi l-ilsien hu

l-ewwel u l-isbaħ teżor li jista' jkollha nazzjon, għalkemm żgħira." Din hi tema li tidher ta' sikwit fil-korrispondenza ta' bejniethom u fil-kitbiet tiegħu. Hija kienet titnikket quddiem il-fatt li wħud mill-Maltin kienu saħansitra japprezzaw l-element barrani aktar mill-element Malti. F'ittra tat-30 ta' Jannar 1956 jaqbel magħha u jammetti li l-Maltin jidhru qishom barranin f'pajjiżhom, kemm fid-dehra u kemm fil-lingwa. L-istess ħsieb hu rifless diversi drabi f'poeżiji u f'editorjali, fosthom f'"Barranin f'Pajjiżhom", il-frażi-muftieħ tal-editorjal ta' Settembru 1939.

Ir-referenzi għall-"Innu Malti" huma kotrana f'kull ġeneru li jidher f'Dun Karm, kemm qabel ma nkiteb fl-1922 kif ukoll wara. Fl-ittri lil Karmen Mikallef Buħaġar sikwit jirreferi għal Malta billi ma jużax l-isem proprju, iżda permezz tal-antonomażja. Din il-perifrażi ħafna drabi tkun misluta mill-Innu Nazzjonali, xi kultant b'xi tibdiliet żgħar. Il-kelma 'oħla', il-frażijiet 'l-omm li tatna isimha' u 'l-art li tatna isimha', huma fost l-aktar li jidhru f'dawn l-ittri. Minkejja li juru kemm il-karatteristiċi tal-awtur jidhru f'kull tip ta' kitba, dawn il-frażijiet jindikaw ukoll ir-rabta li ħoloq bejn l-'art' u l-'omm'. Bħal f'kull xogħol ieħor l-art tidher bħala l-omm li tgħaqqad lill-Maltin f'familja waħda. Din il-karatteristika fl-opra kollha ma tindika xejn ħlief kemm huwa "poeta tal-maternità" li "jqiegħed lill-mara fiċ-ċentru tal-ħolqien u jagħmilha protagonista tiegħu" (Friggieri, *Dun Karm* 177-178).

Fi wħud mill-ittri jtiha ħjiel ta' kif iħares lejh innifsu. F'waħda mill-ittri tal-bidu jisthajlu "wieħed poeta Malti, illum xiħ, u li beda joqrob ġmielu lejn is-sikta tal-qabar" (27 ta' Jannar 1942). Din il-verżjoni tinbidel kemxejn fl-ittri ta' bejn l-1956 u l-1960 meta b'mod pjuttost vanituż isejjaħ lilu nnifsu bħala: "il-Poeta

Nazzjonali", "Kbir Poeta ta' Malta", "il-Poeta ta' Malta Maltija" u "Dun Karm il-Kbir Poeta ta' Malta Maltija." Fost dawn l-awtoritratti l-aktar wieħed li jippreżentah fid-dawl tal-imħabba tiegħu lejn Malta jinsab fl-ittra tat-2 ta' Novembru 1955: "... għall-ġid tal-Ħelwa Malta, li tagħha jiena jien il-kbir poeta, u li għaliha jiena kkumbattejt bil-bosta." Dawn l-awtoritratti jistgħu jiġu mifhuma aħjar fid-dawl ta' poeta-qassis li kien għalaq il-ħamsa u tmenin sena u li kien qiegħed iġarrab il-konsegwenzi tax-xjuħija. Minn dak li qalu wħud minn sħabu fil-ħarġa speċjali ta' *Leħen il-Malti* fl-1962, jidher li l-aħħar snin ta' ħajtu involvew taħwid mentali. Patri Delia jiddeskrivi kif ftit li xejn kien sar jagħrfu u kien sar iħawwad fil-kliem (17).

Id-distanza fiżika ta' bejniethom bħala kundizzjoni kontinwa wasslet għall-kontinwità bejn iż-żewġ ħidmiet ewlenin ta' Karmen Mikallef Buħaġar. Hija għarfet kif għandha tbiddel il-korrispondenza epistolari mal-awtur, l-ewwel ħidma ewlenija tagħha, f'ħidma biex l-istess korrispondenza ma tiqafx wara mewtu, bir-riżultat li jibqa' ħaj fost il-qarrejja tiegħu (Micallef 1). Dan l-għarfien wassalha biex twaqqaf fondazzjoni bil-għan li huwa jingħata ġieħ. Fl-istess waqt din il-fondazzjoni setgħet twettaq il-ħsieb fundamentali li artist veru jibqa' jeżisti wara mewtu kull darba li l-kitbiet tiegħu jinqraw, ħsieb li hu stqarr f'"Non Omnis Moriar." Din it-tieni ħidma tagħha bdiet għaxar snin wara mewtu, f'Ottubru 1971, meta bdiet iżżur Malta sabiex tfakkar il-mewt tiegħu. Sa minn dik il-ġurnata Karmen baqgħet tiġi Malta kull sena biex tagħtih ġieħ permezz ta' tqegħid ta' kuruni mad-dar fejn twieled, fuq il-qabar tiegħu, fuq il-monumenti f'Ħaż-Żebbuġ u fil-Biblijoteka Nazzjonali (Friggieri, *L-Ittri ta' Dun Karm lil Karmen Mikallef Buħaġar* 14). F'dan il-kwadru d-distanza bejn iż-żewġ korrispondenti tat lok għal kitba li għadha tintuża sal-

lum biex titfa' dawl fuq il-karatteristiċi tiegħu bħala bniedem u bħala awtur. Minkejja n-nuqqas fil-preżenza, dawn l-ittri jibqgħu joħolqu interpretazzjoni letterarja mill-qarrejja ta' Dun Karm għax Karmen għarfet li kellha tħalli l-kelma miktuba titkellem għalih billi tibqa' tinqara mill-ġenerazzjonijiet ta' warajh.

## Ittra lil Ġużè Aquilina – 25 ta' Settembru 1933

Qabelxejn, l-ittra tagħmel referenza għall-ħbiberija li kellhom bejniethom Dun Karm u Ġużè Aquilina. Fir-raba' għadd ta' *Leħen il-Malti* fl-1962, Aquilina jgħid li ma jiftakarx meta u kif sar jaf lil Dun Karm, iżda jistqarr "billi dak li laqqagħni ma' Dun Karm ma setax ikun ħaġa oħra ħlief il-Malti, jiena naħseb li ilni nafu sa minn ftit wara li dħalt student l-Università, għax dak kien iż-żmien li fl-Università kienet bdiet il-ħeġġa għall-kitba bil-Malti" ("Tifkiriet ta' Dun Karm" 1). Mit-tagħrif li jagħti f'din il-kitba jidher li kien ilu jitkellem u jikkorrispondi miegħu minn meta kien għadu student. L-awtur jidher ifissirlu l-ħsibijiet tiegħu dwar xi poeżija li kien għaddielu, jagħtih xi suġġerimenti u jqawwilu qalbu għax it-triq tal-poeżija hi "telgħa daqsxejn iebsa, imma tasal." Ir-rispett bejn iż-żewġ korrispondenti ma kienx jonqos. "Dell u Dija" hi miktuba b'dedika lil Aquilina bħala apprezzament tal-istudju li kien għamel dwar il-poeżija tiegħu. Min-naħa l-oħra l-qima li Aquilina kellu lejh kienet kbira. Hu stess jirrakkonta kif ħass il-ħtieġa li jikteb poeżija ddedikata għalih, "To My Friend Dun Karm" ("Tifkiriet ta' Dun Karm" 1). Il-ħidma ta' Aquilina biex isem Dun Karm jikber permezz tal-pubblikazzjoni ta' xogħlijietu ma waqfitx. Qalb din il-ħidma bla waqfien, Aquilina flimkien ma' P.P. Saydon, ressaq mozzjoni quddiem ir-Rettur tal-Università biex Dun Karm jingħata

"Onorifiċenza Akkademika" ("Tifkiriet ta' Dun Karm" 2). Dan il-ġieħ issarraf fil-grad ta' D. Litt. (Honoris Causa) mogħti fit-2 ta' Ottubru 1945 fil-knisja tal-Ġiżwiti ("F'Jum il-Ġieħ ta' Dun Karm, D.Litt." 104).

L-ittra tal-25 ta' Settembru 1933 inkitbet bħala tweġiba għal dik li bagħatlu Aquilina biex jistaqsih x'nebbħu jikteb "Il-Ġerrejja u Jien" ftit jiem qabel. Aquilina ttama li t-tweġiba tal-poeta kellha "tixħet ħafna dawl fuq din il-poeżija, dawl li joħroġ minnha u jinkiser fuq ħafna xogħlijiet oħra." Madankollu jidher b'mod ċar kemm Dun Karm ma jixtieqx jikxef il-motiv personali kollu tal-poeżija u jitfa' dawl fuqu bħala personalità li ma tħobbx tgħid kollox, "ngħidhielek; iżda taħfirli, jekk minn fuq ħajti ma nwarrabx l-istar għalkollox."

Fl-ittra jpinġi awtoritratt tiegħu nnifsu permezz ta' sensiela ta' metafori li l-effett tagħhom huwa wieħed – in-nostalġija għall-passat mibnija fuq il-mumenti ta' ferħ li jgħaddu malajr u l-mumenti ta' niket li jibqgħu. In-nostalġija bħala waħda mill-passjonijiet tar-Romantiċi tissarraf fix-xewqa li jintemm dak li jrid iseħħ malajr u jibqa' ħaj dak kollu li hu ideali għall-ħajja tal-bniedem. Huma lkoll aspetti persunali li jispjegaw fejn huma l-għeruq tal-malinkonija tiegħu li titbiddel f'rifless tas-sentiment uman fih innifsu. Is-sentenza-muftieħ tal-ittra kollha, "Ħafif bħal vleġġa għadda ħsieb minn ġe' ħsiebi", hi diwi ta' "Il-Jien u Lil Hinn Minnu": "Ħsiebi bħal għama" (v. 1) u "ħsieb iswed għadda minn ġo ħsiebi" (v. 95). Minnha jibda vjaġġ fuq il-baħar li metaforikament hu simbolu tal-vjaġġ tiegħu fuq din l-art. Is-snin ta' bejn l-1927 u l-1938 kienu snin li fihom "il-poeta laħaq il-qofol tal-ħajja artistika u spiritwali tiegħu" (Friggieri, *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* 3). Parallel mal-qofol tal-ħajja poetika hemm

ukoll il-perjodu l-aktar imqalleb tal-kuxjenza tiegħu. Il-poeżiji miktuba f'dawn is-snin jesprimu l-problema eżistenzjali li kien qiegħed iħabbat wiċċu magħha. "Żagħżugħ ta' Dejjem", "Wied Qirda", "Il-Ġerrejja u Jien" u "Naf u Nemmen" huma miktubin fl-1933, imnebbħin mill-qagħda solitarja li ġarr miegħu tul ħajtu u li mbagħad laħqet il-qofol tagħha f'"Il-Jien u Lil Hinn Minnu" fl-1938. Bħal fil-poema, f'"Il-Ġerrejja u Jien" jidher ifittex fil-kuxjenza, "id-dinja ġewwiena tal-individwu", biex jifhem il-preżent (Friggieri, *Dun Karm* 202). Dan il-vjaġġ tal-kuxjenza ma hux biss mixja fiżika u spiritwali iżda wkoll mixja psikoloġika meta jagħżel li jiftakar f'dak li seħħ fl-imgħoddi biex jifhem il-preżent.

L-awtur isemmi waħda wara l-oħra l-ġrajjiet li ftakar fihom waqt il-ġirja tiegħu bid-dgħajsa u jiddeskrivi t-tfulija bl-istess mod li jiddeskriviha fit-tifkiriet awtobijografiċi. F'dan id-dawl ir-rabta fis-similaritajiet li hemm bejn dak li jgħid fl-ittra lil Aquilina u fis-siltiet awtobijografiċi tindika żewġ fatturi importanti. Il-fatt li jirrepeti lilu nnifsu juri biċ-ċar kemm minkejja li l-awtur iħaddan ċerta varjetà fl-argument, il-prinċipji tiegħu jibqgħu dejjem l-istess, ilkoll marbutin ma' tfulitu. Aktar minn hekk, tidher ir-rabta dejjiema bejn it-tifel imqareb u t-tifel li jobdi u jirrispetta lil familtu, b'mod speċjali lil ommu. L-istess rabta psikoloġika bejn dak li jiġri 'l barra minnu u dak li jħoss f'qalbu tibqa' fost l-aktar karatteristiċi li jsawru l-opra tiegħu.

# Is-Saġġistika

Kemm il-qagħda kulturali ta' Malta fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, u kemm id-dispożizzjoni naturali ta' Dun Karm bħala kittieb, jistrieħu fuq ir-rabta intima bejn l-arti u l-formazzjoni tal-karattru, kemm individwali u kemm kollettiv. Għall-awtur, il-gost artistiku u l-maturità karatterjali għandhom jgħixu flimkien. Il-kitbiet għandhom jidhru fil-qofol essenzjali tagħhom ta' espressjonijiet li jitilqu minn spunt personali biex jaslu għal konklużjonijiet li jolqtu lil kulħadd. Fil-"Kelmtejn ta' Qabel" ta' *L-Oqbra,* Foscolo għandu jidher mhux biss bħala poeta Taljan ewlieni iżda wkoll bħala eżempju għal kull min iqis l-esperjenza poetika bħala esperjenza reliġjuża.

## L-Oqbra – Kelmtejn ta' Qabel

Il-qlib ta' *I Sepolcri* ta' Foscolo, *L-Oqbra* (1936), imur lura għall-1927 meta filwaqt li l-Italja kienet qiegħda tfakkar għeluq il-mitt sena mill-mewt tal-poeta Taljan, Malta kienet qiegħda tfakkar l-istess anniversarju mill-mewt ta' Vassalli fl-1929 ("Taħdita fuq il-Poeżija Maltija" 11). Hekk kif Vassalli huwa l-missier tal-ilsien Malti bħala lsien nazzjonali, hekk ukoll Foscolo jidher bħala wieħed mill-akbar poeti tal-letteratura Taljana. Aktar minn hekk, huwa jsejjaħlu "fessud tal-Italja" u "profeta tal-Italja", ħsieb mislut minn dak li jgħid Arturo Marpicati f'*Il dramma politico di Ugo Foscolo* (13).

Fl-isfond ta' żewġ pajjiżi li qegħdin ifakkru l-mitt sena mill-mewt ta' żewġ personalitajiet kbar, Dun Karm jistqarr li tnebbaħ mix-xbieha ta' Vassalli li ħadem għall-ġid tal-lingwa u l-qawmien kulturali u politiku, u ta' Foscolo li ħoloq xogħol poetiku li jagħti dinjità lin-nazzjon. B'hekk it-traduzzjoni tal-karme tilħaq żewġ għanijiet marbutin ma' dawn iż-żewġ motivi. L-ewwel wieħed hu l-kitba bil-Malti ta' opra Taljana kbira. Fil-kuntest ta' awtur li qiegħed jaqleb kapulavur Taljan għal-lingwa nattiva tiegħu, ix-xogħol ma kienx faċli. Hu stess jgħid li għalkemm il-ħsieb li jaqleb il-karme ġieh f'moħħu fl-1927, hu dam itella' u jniżżel sal-1929 sakemm iddeċieda għax kellu l-biża' dwar jekk il-Malti kienx tajjeb biżżejjed għall-qlib ta' kapulavur Taljan, u anki dwar jekk hu kellux il-kuraġġ meħtieġ: "Dan il-ħsieb, ma nafx jekk iżjed għaqli nkella iżjed qalbieni, ma qabadx malajr; iżda baqa' hemm, bħal żerriegħa fit-trab, jistenna li tiġi siegħtu" ("Kelmtejn ta' Qabel" u "Taħdita fuq il-Poeżija Maltija" 11). Aktar tard huwa jsejjaħ il-qlib tal-karme bħala "għadma iebsa", xogħol "iebes daqskemm hu sabiħ", iebes biex jinħadem u sabiħ għaliex hu xogħol ewlieni. Fid-daħla tal-ktieb juri b'liema reqqa qaleb ix-xogħol u, wara li temm il-verżjoni Maltija, b'liema dettall issokta jirrevedi t-test għal xhur sħaħ qabel ma xandru fl-1936.

It-tieni għan kien li permezz ta' xogħol li kien fuq fomm l-aqwa ħassieba ta' dak iż-żmien jagħti r-risposta li l-Malti kellu l-kwalitajiet meħtieġa kollha biex jesprimi l-ogħla ħsibijiet u espressjonijiet. Il-ħsieb li juri s-setgħat tal-lingwa Maltija jiftiehem aħjar f'perjodu meta l-Kwistjoni tal-Lingwa kienet fl-aqwa tagħha. Ried juri li l-Malti mhux utli biss għall-ħajja ta' kuljum biex jintuża fid-djar u fl-irħula. Fuq kollox xtaq jisħaq li l-Malti ma kellux ikun mezz ta' komunikazzjoni orali biss, imma kellu jingħata l-importanza xierqa fil-kitba wkoll. Fl-ittra lil Sir

Harry Luke (6 ta' Diċembru 1935) jistqarr li "to make a valuable contribution to the Maltese literature has, no doubt, been my aim in translating one of the most beautiful and most difficult pieces of poetry in the Italian literature."

Il-ħsieb li l-Maltin kienu jżebilħu l-lingwa Maltija jidher idejjaq lil Dun Karm f'bosta kitbiet. Fid-daħla għal *Ward Ieħor, jew Ġabra Oħra ta' Poeżijiet bil-Malti,* ippubblikat fl-1920, isemmi t-tliet għanijiet tal-ktieb. L-aħħar tnejn jitkellmu dwar kemm meta l-poeżija Maltija tkun miktuba b'għaqal tista' timraħ ferm 'il barra mill-gżira għax għandha s-setgħat, jekk mhux aktar, ta' dik barranija. Iżda bħala l-ewwel għan isemmi l-istess raġuni li għaliha qaleb "I Sepolcri": "... l-ilsien Malti ma hux jekk fqir u dgħajjef, bħalma jridu jgħidu xi wħud li ma jafuhx; imma għani u qawwi u mżewwaq biżżejjed biex tgħid bih kull ma jiġi f'moħħok u kull ma tixtieq qalbek." Dan jindika li sa mill-1920 kellu l-ħsieb li jwassal il-qawwa tal-Malti speċjalment lil dawk li ma humiex konxji tas-setgħat tiegħu. Huwa baqa' jaħdem bis-sħiħ favur dan il-ħsieb anki wara li ppubblika *L-Oqbra*.

Dun Karm ifisser kif il-karme hi espressjoni tal-esperjenza tal-poplu miktuba minn poeta li jirrappreżenta lin-nazzjon. It-tema tal-ħelsien mill-ħakma tal-barranin, u tas-sistema għaqlija fit-tmexxija tal-pajjiż huma fost l-aktar popolari fil-poeżija tan-nazzjon għax il-letteratura nazzjonali hi "mera li tgħid is-sewwa" ("X'inhi Letteratura? Għalfejn Tiswa?" 33–34). It-tifsira wara l-karme tinsab ukoll fl-istorja ta' poplu maħkum mill-barranin. Huwa jagħti importanza lil Giuseppe Parini (1729–1799), Vittorio Alfieri (1749–1803) u oħrajn li qabel Foscolo ħassu t-telqa ta' żmienhom u ċanfru dwarha b'saħħithom kemm-il darba. B'hekk seta' jifhem malajr il-qagħda ta' Foscolo f'din il-

kundizzjoni storika minħabba li Malta kienet sabet ruħha fl-istess sitwazzjoni. Huwa jara xebh kbir bejnu fil-qagħda li kienet sabet ruħha fiha l-gżira, u Foscolo fis-sitwazzjoni tiegħu fl-Italja. Il-fatt li hu stess kien imħasseb dwar il-ħtiġijiet li kellha Malta għenu biex jifhem aktar il-bżonnijiet ta' nazzjon li kien kolonja. F'dan il-kuntest "l-art imbierka", frażi li juża fil-"Kelmtejn ta' Qabel", hi parallela mal-frażi li jattribwixxi lil Malta fl-"Innu Malti" u f'bosta kitbiet oħra, "din l-art ħelwa." Huwa għalhekk li jħares lejn "I Sepolcri" minn lenti patrijottika li tolqot is-sentimenti nazzjonalistiċi tiegħu u fl-istess ħin iqis il-poema miktuba minn poeta li ma ra xejn ħlief il-ġid tal-lingwa.

Jidher biċ-ċar kemm kien tal-fehma li minbarra fil-kontenut, il-ġmiel tal-karme jinsab fil-ħadma tal-versi. Huwa jqabbel il-versi maħlulin tal-karme mal-"ilmijiet ta' xmara kbira li jimxu siekta u ċari fil-wita, u jrabbulek qatigħ ward". Dan jiftiehem aħjar fid-dawl tal-interpretazzjoni metaforika li tidher f'bosta siltiet fil-"Kelmtejn ta' Qabel" meta permezz tal-metafori huwa jirnexxilu jagħti tifsira letterali lill-astratt. Għaldaqstant il-ħadma ta' dawn il-kelmtejn tippreżenta lill-awtur bħala liriku u poetiku għalkollox, kif jidher fil-biċċa l-kbira tal-opra tiegħu.

Fil-ħerqa li kellu sabiex it-traduzzjoni tibqa' fidila għall-aħħar lejn il-verżjoni oriġinali, żgur li l-fatt li kien midħla sew tal-lingwa oriġinali għenu biex iwieżen tajjeb iż-żewġ lingwi flimkien mingħajr sforzi żejda. Huwa pprova jħalli paralleliżmu sħiħ bejn il-karme bit-Taljan u t-traduzzjoni. Fit-traduzzjoni mhux biss irnexxielu jħalli l-ħsieb ta' Foscolo iżda ħoloq "l-intonazzjonijiet varji tal-versi solenni billi żamm l-użu tal-kliem u l-mewġa tar-ritmu li uża Foscolo" (Friggieri, *Il-Kultura Taljana f'Dun Karm* 95). Il-waqfiet tipiċi tal-poeżiji tiegħu, in-nuqqas tal-użu ta'

aċċenti, il-ħoss mużikali tal-kelma u ż-żamma tal-ħsieb kienu wħud mill-elementi li għenuh biex jibqa' leali lejn ix-xogħol oriġinali. Il-ħsieb fundamentali kien li juża l-kliem ta' nisel Semitiku kif ukoll xi neoloġiżmi, bir-riżultat li l-vokabularju non-Semitiku jinkludi tlieta u erbgħin kelma biss. Foscolo uża ħafna l-inverżjoni, teknika stilistika użata ħafna mill-poeti Klassiċi Taljani li riedu jbiddlu l-ordni naturali tal-kliem biex ibiegħdu t-taħdit poetiku mit-taħdit komuni. It-traduttur Malti għażel li jżomm din it-teknika biex ma jtellifx il-mixja tal-endekasillabu u biex jagħti prova li l-lingwa Maltija hi mogħnija bi kwalitajiet li jgħinuha tadatta għat-teknikalitajiet ta' lsien letterarju stmat:

delle Parche il canto – tal-Parkiet il-għanja

(v. 212)

L-użu bla waqfien tal-onomatopea speċjalment mill-vers 204 sal-vers 212, silta li tfakkar fil-mewt li tat il-glorja lill-Griegi u f'kif se jibqgħu mfakkrin wara mewthom, jgħin biex tinżamm il-lealtà mhux biss lejn l-istruttura tal-karme imma wkoll lejn il-ħsieb tat-test oriġinali. Il-mertu ta' Dun Karm bħala traduttur jidher l-aktar fil-ħolqien ta' versi bil-Malti identiċi għal versi fil-karme maqsumin min-nofs bħall-vers 65:

il mio tetto materno. E tu venivi – nitniehed għal dar ommi.
U int kont tiġi

Fit-tiftixa li jagħmel Friggieri bejn il-poema oriġinali u t-traduzzjoni jidher biċ-ċar kemm il-poeta Malti kien fidil lejn l-istruttura tal-karme minkejja l-ostakli li jġib miegħu l-qlib tal-poeżija Klassika (95–100). Xhieda ta' kemm Dun Karm irnexxielu jifhem il-karme huma l-kummenti annotati li daħħal

fit-traduzzjoni. Huma kummenti li juru kemm stħarreġ kritiċi u studjużi Taljani biex jifhem bl-aħjar mod it-tifsira tal-poema, fosthom Severino Ferrari, Giuseppe Chiarini, Olga Micale u oħrajn.

***Il-Mixja lejn "Il-Jien u Lil Hinn Minnu"***

"L-Oqbra" hi waħda miż-żewġ xogħlijiet ewlenin tiegħu. F'"Taħdita Fuq il-Poeżija Maltija" jżid li "l-biċċtejn xogħol tiegħi l-aktar importanti sewwa fil-għalqa tal-letteratura u sewwa fil-għalqa tas-sentiment nazzjonali kienu l-ewwel waħda t-traduzzjoni fil-Malti tal-poema famuż ta' Ugo Foscolo "I Sepolcri" ... u t-tieni l-poema oriġinali tiegħi "Il-Jien u Lil Hinn Minnu", li fil-fehma tiegħi kellu jkun is-sieħeb u t-temma ta' "L-Oqbra" ta' Ugo Foscolo" (10). Iż-żewġ xogħlijiet saru bil-għan li jgħolli isem l-ilsien Malti iżda t-tieni waħda saret ukoll minħabba li wara t-tifħir li rċieva dwar it-traduzzjoni huwa ħaseb li "ma hix biżżejjed biex tagħti lill-ilsien Malti l-ġieħ ta' lsien letterarju" ("F'Jum il-Ġieħ ta' Dun Karm, D.Litt." 116).

"Il-Jien u Lil Hinn Minnu" bdiet tinkiteb fl-istess sena meta ppubblika t-traduzzjoni fl-1936. Dan jitfa' dawl fuq ir-rabta li ra bejn iż-żewġ xogħlijiet. Ir-riflessjoni u t-taħlita ta' sentimenti li kien ġarrab waqt il-qlib tal-karme wassluh biex jikteb opra bil-Malti li filwaqt li jqisha bħala tkomplija tal-karme, hi wkoll xogħol ħieles minn kull irbit tal-opra Taljana mġarrab minnu stess. Għalkemm il-problema tal-ħeġġa tal-bniedem għall-immortalità hi marbuta mal-kunċett tal-oqbra, bħalma hi fir-Romantiċiżmu, aktarx li Dun Karm tnebbaħ aktar wara l-mewt ta' Ġannina Pisani, qariba tiegħu, fil-15 ta' Frar 1937. Sa mill-1927 kien kiteb "Fil-Katakombi", poeżija li fiha ċ-ċimiterju jidher bħala l-post ta' ħajja ġdida wara l-mewt. L-istess ħsieb jidher f'"Naf u Nemmen"

miktuba fl-1933, sena ta' tfixkil fundamentali li wasslet għall-kitba ta' "Żagħżugħ ta' Dejjem", "Il-Ġerrejja u Jien" u "L-Id tal-Imgħallem", u mbagħad "Il-Katakombi" (1934). F'dan id-dawl ix-xogħlijiet li kiteb bejn l-1927 u l-1938 jilħqu l-qofol tagħhom bit-traduzzjoni ta' "L-Oqbra" fl-1936 u bit-tweġiba għaliha f'"Il-Jien u Lil Hinn Minnu" fl-1938. Dan kien żmien ta' meditazzjoni fuq effetti li ġġib magħha l-esperjenza Romantika, perjodu li ħoloq kriżi personali fih bil-mewt bikrija ta' Ġannina Pisani. F'dan is-sens it-traduzzjoni tal-karme u bosta xogħlijiet oħra tal-istess perjodu jitfgħu dawl fuq il-ħajja tiegħu bħala bniedem u bħala artist.

Il-ħsibijiet ta' Foscolo u tal-poeta Malti jiltaqgħu fil-problema tal-mewt kontra l-ħajja. Is-sentimentaliżmu, u t-tema storika u patrijottika huma mwarrba għalkollox fil-poema Maltija. Minkejja l-qbil fil-punt tat-tluq taż-żewġ xogħlijiet, is-soluzzjoni li jsibu hi opposta għalkollox. Fil-karme l-oqbra huma s-simbolu tar-rebħa fuq il-mewt. L-eżistenza tal-bniedem wara l-mewt hi l-punt tat-tluq tal-eżistenza ideali. Għall-kuntrarju, il-problema tal-mewt u l-vjaġġ tal-ħajja f'dinja oħra huma l-motivi ewlenin fil-poema Maltija. F'għajnejn Dun Karm, "Foscolo kien bniedem li ma kellu ebda fidi u ebda tama Nisranija lil hinn mill-qabar; il-filosofija tiegħu kienet il-filosofija li tispiċċa fil-'jien', jiġifieri razzjonaliżmu pur ..." ("Taħdita fuq il-Poeżija Maltija" 11). Huwa jasal biex jemmen f'dan in-nuqqas ta' fidi minħabba l-mod kif Foscolo esprima ħsibijietu f'"I Sepolcri" li tidher bħala ritratt "safi, kif hu ma kien jista' jagħmlu qatt, kieku ntebaħ li qiegħed jagħmlu" ("Ħsibijiet fuq il-Foscolo li jistgħu jaqdu ta' Daħla biex wieħed jifhem tajjeb is-Sepolcri" 1). Fl-isfond ta' dan kollu, waqt li Foscolo jsib is-soluzzjoni permezz tar-raġuni, fid-daħla ta' "Il-Jien u Lil Hinn Minnu" l-awtur jagħżel l-imħabba u l-fidi biex jasal għat-tweġiba u jifhem. Id-differenza bejn it-tnejn hi rifless

tad-distanza li tifred lir-raġuni immanentista ta' Kant mill-emozzjonaliżmu ta' Pascal u mill-intwizzjoni ta' Santu Wistin, il-filosfu favorit ta' Dun Karm.

Għal din id-dehra ta' poeta mingħajr fidi jwieġeb f'"Il-Jien u Lil Hinn Minnu", l-"għanja tal-moħħ, tal-qalb u tar-ruħ" li tagħti risposta kontra r-razzjonaliżmu, imnebbħa mill-imħabba u twassal messaġġ ta' fidi ("Taħdita fuq il-Poeżija Maltija" 11). Huwa ma jarax bilanċ bejn ir-ruħ tal-poeżija u r-ruħ tal-imħabba għax minkejja li fil-karme dik tar-ruħ tidher l-ewwel, ir-ruħ tal-imħabba tieħu post assolut. Skontu, din il-karatteristika fil-poeta Taljan ma kinitx t'għajnuna fil-ħajja letterarja tiegħu għax ir-ruħ tal-imħabba "ma kinitx la safja anqas għaqlija, iżda passjoni qalliba u ħarraba, flok ma għenitu fix-xejra u fis-setgħa tal-poeżija aktarx fixklitu u tellfitu" ("Ħsibijiet fuq il-Foscolo li jistgħu jaqdu ta' Daħla biex wieħed jifhem tajjeb is-Sepolcri" 4).

Waqt li f'Foscolo hemm l-għoljiet, il-ġonna, ix-xmajjar, l-għejun u l-baħar, f'Dun Karm hemm il-ward, l-għasafar, il-kwiekeb u l-baħar. Fuq kollox, hemm ix-xemx li filwaqt li f'Foscolo tidher tiddi fuq id-diżastri tal-bniedem, f'Dun Karm tidher qalb is-sħab titnikket quddiem in-nixfa tal-art. F'"I Sepolcri" tidher biċ-ċar il-qima li Foscolo kellu lejn ommu, madankollu f'"Il-Jien u Lil Hinn Minnu" l-omm ma tidhirx biss fit-tifkira ta' mara mejta, imma wkoll bħala r-riferiment tat-tmexxija morali. Wara li Dun Karm jgħaddi minn esperjenza ġewwiena ta' kunflitt bejn żewġ kuxjenzi opposti, id-dubju tar-raġuni u ċ-ċertezza tal-fidi, u wara li jisma' b'reqqa l-ilħna tan-natura u ta' ommu, jasal biex ibiddel ir-ribelljoni tiegħu f'talba. Għaldaqstant, għad li ż-żewġ opri għandhom l-istess punt tat-tluq u minkejja li huma qrib ħafna stilistikament, huma spiritwalment differenti għalkollox.

## Konklużjoni

Daqskemm fil-poeżija bil-Malti u bit-Taljan, fix-xogħlijiet tal-proża Dun Karm jidher bl-istess impenn bħala l-għassies tal-valuri klassiċi ta' Malta kif ukoll bħala l-leħen tal-klassi soċjali tiegħu u wkoll tan-nazzjon. Ħarsa sistematika ta' dawn il-kitbiet turi li huwa interessat fin-nazzjon daqskemm huwa interessat fis-soċjetà li għalih hija qabelxejn mibnija fuq l-individwu. Għalhekk anki meta jittratta temi politiċi, l-individwu jinħass dejjem. Il-viżjoni tal-patrija, waqt li hija mnebbħa minn viżjoni Risorġimentali, hija wkoll demokratika u għalhekk il-kitba politika tiegħu titqies dejjem bħala kitba mill-aspett tal-poplu.

It-temi ewlenin f'din il-ġabra mhumiex differenti mit-temi ewlenin tiegħu bħala poeta, u dan juri l-unità li hemm fil-viżjoni tiegħu bħala ċittadin daqskemm bħala poeta li jleħħen iċ-ċittadinanza. Minn din il-ġabra għandu joħroġ tajjeb il-karattru tiegħu, kemm bħala persuna kif ukoll bħala reliġjuż. Il-prinċipju unitarju li jgħaqqad flimkien ix-xogħlijiet bil-Malti huwa l-istess prinċipju li jispjega għala t-temi dominanti f'din il-ġabra ta' proża bil-Malti huma l-istess temi li esprima kemm qabel u kemm wara l-1912, bħala poeta bil-lingwa Maltija. Ir-rabta bejn il-poeta u l-prożatur għandha tidher dejjem f'din il-ġabra, l-aktar kull fejn huwa jikteb dwar personaġġi u inċidenti li huma tipiċi tas-soċjetà ta' żmienu. Dan jispjega għala ħafna mill-proża hija minnha nnifisha poetika, jiġifieri tesprimi kunċetti b'lingwaġġ li hu sikwit mirqum bi skop letterarju.

Il-ġbir tal-proża wasslu biex jidher bħala prożatur li fil-prattika ma kellu ebda ġeneru preferit tiegħu. Dan il-fatt jorbot mill-qrib mal-konklużjoni li huwa essenzjalment poeta li jikteb il-proża.

Din il-pożizzjoni aktarx dejjem turi li, minkejja l-isforzi varji biex ikun bniedem tal-kultura aktar minn bniedem tal-passjoni, huwa rari jirnexxilu jegħleb id-dispożizzjoni lirika tipika tiegħu u jadotta leħen ta' "intellettwali". Għaldaqstant, minkejja li l-ġbir tratta l-proża, kollox juri li kulma jikteb l-awtur huwa ddeterminat mid-dispożizzjoni dejjiema tiegħu ta' poeta. Il-poetiċità ta' din il-ġabra tidher f'diversi xejriet ta' kontenut u stil mibnijin dejjem bil-għan li mhux biss jispjegaw il-karattru ta' kull silta iżda wkoll juru li l-awtur huwa dejjem poeta, anki jekk qiegħed jikteb il-proża.



# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — IT-TIENI KTIEB TA' L-1931

## POËTA TITWIELED, MA SSIRX

*Erba' kelmiet liż-żgħażagħ li jixtiequ jkunu poëti.*

Ma nafx ġralkomx bħali. Meta kont tfajjel ta' xi erbgħa jew ħames snin, kont, f'xi lejla sabiħa tas-sajf, inħares il-fuq lejn il-kwiekeb u narahom jilmaw u jlebilbu bħal djamanti jitħarrku; u ta' tfajjel li kont, għaddieli bosta drabi minn rasi li minn fuq il-bejt tad-dar tagħna kont nista' nilħakhom, narahom sewwa u, għandi mnejn, naqla' xi waħda wkoll. Iżda meta rnexxieli nitla', fuq il-bejt, rajt li dik tiegħi kienet ħolma, għaliex il-kwiekeb ma kenux hemmhekk, iżda fil-għoli iżjed, bosta u bosta 'iżjed.

Hekk, bejn wieħed u ieħor jiġri lil ħafna żgħażagħ, meta jaqraw xi kotba tal-poëżija. Tibda biex tħajjarhom it-tifsila tal-versi li m'humiex, bħal tal-proża, kollha daqs wieħed minn tarf sa tarf tal-paġna, imma aqsar u magħżulin aħjar minn xulxin; imbagħad, fil-qari, iħossu ftit jew wisq il-għadd tas-sillabi, il-waqgħet tal-leħen, u jisimgħu go l-versi bħal daqq moħbi li jissaħħaħ fit-tqabbil tal-kliem, xi drabi mbewwes u xi

42

drabi imqabbeż kif l-awtur ikun deherlu l-isbaħ u l-aħjar: u jispiċċaw biex fl-aħħar jaraw fil-ħsebijiet u fix-xbihiet li hemmhekk ġabar u żejjen il-poëta bħala dija li tiġbidhom, tisraqhom. U billi l-kliem tal-poëżija jafuh, u jidher hemmhekk imsawwar kif joħroġ minn fomm kullħadd, traku jaħsbu li jistgħu, bi ftit tal-ħsieb, tal-għaqal u tas-sabar, jaslu jagħmlu bħalha: u arahom f'xi lejla siekta, mitfugħin fuq mejda, igħoddu sillabi b'subgħajhom, itambru fuq wiċċ il-mejda bis-saba' tan-nofs ma' waqgħet il-leħen, u jaħlu sigħat u sigħat telgħin u nieżlin mat-taraġ tas-sillabi, tat-tqabbil u tal-versi biex jilħqu din l-imbierka ta' poëżija: xogħol mitluf, għaliex din tagħhom aktarx tkun ħolma bħal dik tal-kwiekeb.

U ngħid li tat-tieni hi ħolma agħar minn dik ta' l-ewwel; għaliex it-tfajjel li jitla' fuq il-bejt għall-kwiekeb, jintebaħ minnufih li ħolom: iżda ż-żagħżugħ li jixxabbat u jsil għall-poëżija, jekk ma għandux is-sejħa, ma jintebaħx malajr, u erħilu jfassal versi u strofi bla qies, zopop, imxattra, mifluga, illi jbikku lil kull min jifhem kemm żmien, jaħasra, u kemm ħeġġa jkunu swew lil dak l-imsejken li waqa' taħt il-magħmul ta' din is-saħħara,- qalila daqs kemm sabiħa.

Jinħtieġ li ż-żgħażagħ jifhmuha, li biex tkun poëta trid titwieled hekk, għax minn ma jitwieledx poeta, ma jsir qatt, anqas jekk igħaddi għomru kollu jdomm u jqabbel versi.

"Poeta Titwieled, Ma Ssirx." *Il-Malti* Ġunju 1930.



Direttur: Mons. Dun KARM PSAILA

Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed /6

Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew kwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jintbagħtu lil F. S. Caruana, "Empire Press" — Valletta.

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — L-EWWEL KTIEB TA' L-1930

## IL-POEŻIJA MALTIJA FL-ISKEJJEL AĦJAR MINN KULL WAĦDA OĦRA

Il-poëżija għandha qawwa kbira fit-tiswir tal-karattru tat-tfal u taż-żgħażagħ. Din haġa li jafha kull min f'ħajtu messu jgħallem liż-żgħar.

Ħierġa minn qalb safja—għax min ma għandux qalb safja ma jistax ikun poëta—il-poëżija tgħanni bi kliem l-iżjed ħelu l-ġmiel tal-ħolqien li hu l-għajn bla heda li minnha jixrob il-poëta, u turi l-għerf u t-tjieba ta' min ġibed mix-xejn u niseġ f'univers tal-għaġeb il-ħlejjaq kollha. Il-poëżija,—l-isbaħ waħda fost l-Arti, jew Snajja' tal-Ġmiel—tmur dritt fil-qalb, titfa' hemmhekk iż-żrieragħ ta' l-aħjar u l-obla sentimenti, u hekk fit-tifel tħejji s-sura taż-żagħżugħ irżin u qalbieni, u fiż-żagħżugħ tħejji s-sura tar-raġel qawwi fil-fehmiet tiegħu, ħabib tas-sewwa, għadu ta' kull agħmil li igħajjeb, li jtabba'.

Il-poëżija tirbaħ bil-ġmiel, trabbi bil-ħlewwa.

Il-qalb tal-bniedem tħossha mit-twelid il-poëżija. Mhux għal xejn l-ommijiet, f'kull żmien u f'kull rokna tad-dinja, għannew il-għanja ħelwa li għallmithom l-im-

Silta minn "Il-Poeżija Maltija fl-Iskejjel Aħjar Minn Kull Waħda Oħra." *Il-Malti* Marzu 1930.




Silta mill-"Awtobijografija." MS 216a/I/5.
Arkivji tal-Librerija tal-Università ta' Malta.







Santa mibgħuta lil Karmen Mikallef Buħaġar fit-18 ta' Mejju 1960.



Ittra lil Karmen Mikallef Buħaġar, bla data. MS 211/10/16.
Arkivji tal-Librerija tal-Università ta' Malta.



Silta mill-"Ħsibijiet fuq il-Foscolo li jistgħu jaqdu ta' Daħla biex wieħed jifhem tajjeb is-Sepolcri." MS 211/3/1. Arkivji tal-Librerija tal-Università ta' Malta.

# Biblijografija

## Lista Kronoloġika tas-Siltiet ta' Proża Msemmija

### *Editorjali*

"Il-Lsien Malti: fir-Rebbiegħa? ..." *Il-Malti* Marzu 1929: 3-5.

"Il-Lsien Malti: Ortografija Waħda Meħtieġa bħall-Ħobż." *Il-Malti* Ġunju 1929: 33–35.

"Il-Poeżija Maltija fl-Iskejjel Aħjar Minn Kull Waħda Oħra." *Il-Malti* Marzu 1930: 3–6.

"Il-Poeżija Maltija fl-Iskejjel Aħjar Minn Kull Waħda Oħra." *Il-Malti* Ġunju 1930: 33–36.

"Għaliex Ma Jitgħallmux il-Malti." *Il-Malti* Settembru 1930: 65–66.

"Għadna Mexjin." *Il-Malti* Diċembru 1930: 97–98.

"Poeta Titwieled, Ma Ssirx." *Il-Malti* Ġunju 1931: 41–42.

"Għal-Letteratura Maltija." *Il-Malti* Settembru 1931: 73–74.

"Inħobbu l-Lsien Malti." *Il-Malti* Diċembru 1931: 101–103.

"Inħobbu 'l-Lsien Malti." *Il-Malti* Marzu 1932: 3–5.

"Niktbu bir-Reqqa." *Il-Malti* Settembru 1932: 61–63.

"Dizzjunarju tas-Sinonmi Maltin." *Il-Malti* Marzu 1933: 3–4.

"Prosodija għall-Kittieba tal-Versi Maltin." *Il-Malti* Ġunju 1933: 33–34.

"Jonqos Ktieb Ieħor." *Il-Malti* Diċembru 1933: 93-95.

"Wara Disa' Snin." *Il-Malti* Marzu 1934: 3–5.

"Poeżija Tagħna." *Il-Malti* Ġunju 1934: 33–34.

"Wara Għaxar Snin." *Il-Malti* Diċembru 1934: 105–106.

"Mistħija Żejda u Mistħija Nieqsa." *Il-Malti* Marzu 1935: 3–4.

"Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti." *Il-Malti* Ġunju 1935: 33–38.

"Kelma Għaqlija fuq il-Lsien Malti." *Il-Malti* Settembru 1935: 73–75.

"L-Imħabba, Dik Tħoll u Torbot." *Il-Malti* Marzu 1936: 3–4.

"Bdew Jifhmu." *Il-Malti* Ġunju 1936: 35–37.

"Dizzjunarju Malti." *Il-Malti* Settembru 1936: 71–72.

"Għalqet Sena Oħra." *Il-Malti* Diċembru 1936: 103–104.

"Ħuġġieġa ta' Ward Malti." *Il-Malti* Marzu 1937: 3–4.

"Il-Letteratura Tagħna." *Il-Malti* Diċembru 1937: 103–105.

"X'inhi Letteratura? Għalfejn Tiswa?" *Il-Malti* Ġunju 1938: 33–35.

"Raġuni Mhux Ġlied u Tgħajjir." *Il-Malti* Settembru 1938: 61–63.

"Il-Lsien Malti u Ilsna Oħra." *Il-Malti* Diċembru 1938: 89–90.

"Il-Ħsieb u l-Kelma." *Il-Malti* Marzu 1939: 3–4.

"Barranin f'Pajjiżhom." *Il-Malti* Settembru 1939: 53–54.

"Illum Ma Għandhomx Skuża." *Il-Malti* Marzu 1940: 3–4.

"L-Ortografija Tagħna." *Il-Malti* Diċembru 1940: 57–59.

"La Hemm il-Ward Hemm il-Ħajja." *Il-Malti* Marzu 1941: 3–4.

"X'Nixtiequ." *Il-Malti* Settembru 1941: 57–59.

"Eżamijiet." *Il-Malti* Settembru 1942: 53–54.

***Awtobijografija***

“Awtobijografija.” (1945) MS 216a. Arkivji tal-Librerija tal-Università ta’ Malta.

***Ittri***

*Ġużè Aquilina*

25 ta’ Settembru 1933 – Saydon, *Ward ta’ Qari Malti*. Malta: The Empire Press, 1937.

8 ta’ Ottubru 1944 – Kamra ta’ Dun Karm, Mużew tal-Imdina.

*Karmen Mikallef Buħaġar*

(Friggieri, Oliver. *L-Ittri ta’ Dun Karm lil Karmen Mikallef Buħaġar*. Malta: P.E.G., 1997)

6 ta’ Ġunju 1940; 8 ta’ Diċembru 1941; 27 ta’ Jannar 1942; ta’ Awwissu 1945[1]; 11 ta’ Ottubru 1945; 18 ta’ Mejju 1946; 10 ta’ Mejju 1954; 23 ta’ Mejju 1954; 23 ta’ Lulju 1955; 2 ta’ Novembru 1955; 30 ta’ Jannar 1956; ta’ Ottubru 1956[2]; 18 ta’ Mejju 1960.

*Ivo Muscat Azzopardi*

16 ta’ Lulju 1955 - “Dun Karm – Tifkiriet.” *Leħen il-Malti* XXXI 1962: 44.

---

[1] Ittra bla data.

[2] Ittra bla data.

***Saġġistika***

“X’Irid Dan il-Ktieb?” *Ward Ieħor jew Ġabra Oħra ta’ Poeżijiet bil-Malti*. Malta: Stamperija – G. Muscat, 1920.

“Is-Sengħa tal-Kitba: il-Lsien, il-Kelma u l-Kitba.” *Il-Malti* Marzu 1925: 6–9.

“Is-Sengħa tal-Kitba: Għażla Oħra Bejn il-Proża u l-Poeżija” *Il-Malti* Marzu 1926: 5–7.

“Is-Sengħa tal-Kitba: Biex Wieħed Jikteb Tajjeb” *Il-Malti* Settembru 1926: 73–75.

“Is-Sengħa tal-Kitba: Ir-Riflessjoni.” *Il-Malti* Diċembru 1926: 113–117.

“Katrin tal-Imdina ta’ Dwardu Cachia – b’daħla u tifsir ta’ Dun Karm.” *Il-Malti* Ġunju 1934: 42–57.

“Għaliex il-Versi tat-Tmienja fil-Poeżija Popolari.” *Il-Malti* Diċembru 1936: 107–111.

“Kelmtejn ta’ Qabel.” *L-Oqbra*. Malta: Stamperija tal-Gvern, 1936.

“Ħsibijiet fuq il-Foscolo li jistgħu jaqdu ta’ Daħla biex wieħed jifhem tajjeb is-Sepolcri.” MS 211/3. Arkivji tal-Librerija tal-Università ta’ Malta.

“Il-Leġġenda tal-Qlib tas-Sepolcri.” *L-Oqbra.* Malta: Stamperija tal-Gvern, 1936.

“Iż-Żmien u s-Sabar fil-Kitba Letterarja.” *Il-Malti* Marzu 1938: 3–5.

“F’Jum il-Ġieħ ta’ Dun Karm, D.Litt.” *Leħen il-Malti* Ottubru – Diċembru 1945: 114–117, 120–121.

“Jitkellem Dun Karm.” *Il-Malti* Settembru 1946: 103–104.

"Taħdita fuq il-Poeżija Maltija." *Il-Malti* XXXI 1960: 1–12.
"Taħdita Żgħira fuq il-Poeżija Maltija lit-Tfajliet tas-Secondary School Sliema." MS 215/2. Arkivji tal-Librerija tal-Università ta' Malta.

### Kotba u Siti Elettroniċi

Aquilina, Ġużè. "Tifkiriet ta' Dun Karm." *Leħen il-Malti* XXXI 1962: 1–3. Stampa.

Attard, Josette. *Storja tal-Estetika Letterarja Maltija*. Malta: Malta University Press, 2011. Stampa.

Cardona, Ġużè. *Dun Karm: Ħajtu u Ħidmietu*. Malta: Klabb Kotba Maltin, 1972. Stampa.

Carritt, E.F. *The Theory of Beauty*. Great Britain: Methuen & Co Ltd, 1914. Stampa.

Delia, Ġużè. "Dun Karm Jibqa' Dejjem f'Qalbi." *Leħen il-Malti* XXXI 1962: 15–17. Stampa.

"F'Jum il-Ġieħ ta' Dun Karm, D.Litt." *Leħen il-Malti* Ottubru – Diċembru 1945: 104–121. Stampa.

Friggieri, Oliver. *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*. Malta: P.E.G., 2000. Stampa.

—. *Dun Karm*. Malta: T. Cortis, 1989. Stampa.

—. *Dun Karm: Il-Jien u Lil Hinn Minnu*. Malta: T. Cortis, 1988. Stampa.

—. *Dun Karm: Il-Poeżiji Miġbura*. Malta: Klabb Kotba Maltin u Karmen Mikallef Buħaġar, 1980. Stampa.

—. *Il-Kultura Taljana f'Dun Karm*. Malta: Klabb Kotba Maltin, 1976. Stampa.

—. *Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija*. Malta: Klabb Kotba Maltin, 2014. Stampa.

—. *L-Ittri ta' Dun Karm lil Karmen Mikallef Buħaġar*. Malta: P.E.G., 1997. Stampa.

—. *Storja tal-Letteratura Maltija.* Malta: Klabb Kotba Maltin, 1979. Stampa.

Keats, John. *Endymion: A Poetic Romance*. Londra: Printed for Taylor and Hessey, 1818. Stampa.

Marpicati, Arturo. *Il Dramma Politico di Ugo Foscolo*. Bologna: Nicola Zanichello, 1934. Stampa.

Micallef, Bernard. "Diskors tal-Għeluq fis-Serata Kommemorattiva f'Ġieħ Karmen Mikallef Buħaġar" akkademjatalmalti.org. L-Akkademja tal-Malti. Sit Elettroniku.

Preston, Carrie J. *Modernism's Mythic Pose: Gender, Genre, Solo Performance*. L-Istati Uniti: Oxford University Press, 2011. Stampa.

Psaila, Dun Karm. *L-Ewwel Ward jew Ġemgħa tal-Poeżijiet li Ktibt bl-Ilsien Tagħna.* Malta: Stamperija tal-Gvern, 1914. Stampa.

—. "Il Monumento Commemorativo del Congresso." *La Diocesi* (Marzu 1918): Numru 10. Stampa.

—. "Il Monumento Commemorativo del Congresso." *La Diocesi* (Mejju 1918): Numru 12. Stampa.

—. "Un Amico ... Caro." *La Palestra del Seminarista* April 1901: 55. Numru 3. Stampa.

Vincent, E.R. *Ugo Foscolo: An Italian in Regency England*. L-Ingilterra: Cambridge University Press, 1953. Stampa.

Widdowson, Peter. *Literature*. Routledge, 1999. Stampa.